



2024/1107

23.5.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1107

tat-13 ta' Marzu 2024

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dettaljati għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tas-sistemi tal-inġenji tal-ajru ċċertifikati mingħajr bdot abbord u l-komponenti tagħhom, u dwar l-approvazzjoni tal-organizzazzjonijiet u tal-persunal involuti f'dawn il-kompiti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 58(1), il-punti (a), (b), (c) u (d) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1139 jistabbilixxi rekwiżiti essenzjali għall-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord, b'mod partikolari dawk li jistgħu jkunu soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 56(1) ta' dak ir-Regolament.
- (2) L-Artikolu 40 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 ⁽²⁾ jipprevedi li s-sistemi tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord ("UAS") maħsuba biex jitħaddmu fil-kategorija "speċifika" msemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 ⁽³⁾ li għalihom ir-riskju tat-tħaddim ma jkunx jista' jittaffa kif xieraq, iridu jiġu ċċertifikati u jkunu konformi mar-rekwiżiti dettaljati fir-rigward tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tagħhom.
- (3) Filwaqt li titqies in-natura speċifika tal-UAS, jeħtieġ jiġu stabbiliti rekwiżiti dettaljati u apposta tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għal dawk il-UAS, il-komponenti tagħhom, u għall-organizzazzjonijiet u l-persunal involuti fil-kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139, ir-rekwiżiti dettaljati għall-UAS jenħtieġ li jkunu proporzjonati għar-riskju tat-tħaddim jew tat-tip ta' tħaddim partikolari meħtieġa mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 għall-operazzjonijiet b'riskju għoli fil-kategorija "speċifika".
- (5) Dawk ir-rekwiżiti dettaljati tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS jenħtieġ li jkunu bbażati fuq u armonizzati mar-rekwiżiti dettaljati stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 ⁽⁴⁾ applikabbli għall-inġenji tal-ajru h'fief fl-avjazzjoni bl-ekwipaġġ; iżda dawk ir-rekwiżiti dettaljati għall-UAS jenħtieġ li jiġu adattati u aġġustati biex ikun żgurat li dawn ikunu adegwati għan-natura speċifika tal-UAS u proporzjonati għar-riskji ppreżentati mit-tħaddim tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 tat-12 ta' Marzu 2019 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/945/oj).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 tal-24 ta' Mejju 2019 dwar ir-regoli u l-proċeduri għall-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/947/oj).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1321/oj>).

- (6) Meta ċertifikat validu tal-ajrunavigabbiltà ma jkunx disponibbli u jinħareġ permess għat-titjir lil UAS, jenħtieġ li daww ir-rekwiżiti dettaljati ma jkunx japplikaw, u minflok jenħtieġ li jkun japplikaw ir-rekwiżiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà stabbiliti fil-kundizzjonijiet tat-titjir approvati f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 ⁽⁵⁾.
- (7) Jeħtieġ tiġi prevista tranżizzjoni bla xkiel lejn il-qafas regolatorju l-ġdid stabbilit b'dan ir-Regolament. Għalhekk, il-partijiet ikkonċernati u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri jeħtieġ jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw u jiżguraw il-konformità ma' dan il-qafas regolatorju l-ġdid.
- (8) Ir-rekwiżiti għall-protezzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u d-data stabbiliti għall-organizzazzjonijiet tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jenħtieġ li jiġu differiti sakemm isir applikabbli r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/203 ⁽⁶⁾.
- (9) L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ppreżentat l-Opinjoni tal-Kummissjoni Nru 3/2023 ⁽⁷⁾ f'konformità mal-Artikolu 75(2), il-punti (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-Artikolu 76(1) ta' dak ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi komuni u proċeduri amministrattivi biex jiżgura l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tas-sistemi tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord ("UAS"), inkluż ta' kull komponent għall-installazzjoni fihom, fejn l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord ikun irreġistrat, jew ikun se jiġi rreġistrat fi Stat Membru, u jkun maħsub biex jitħaddem fil-kategorija "speċifika" kif definit fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u jkun inħareġ jew ikun se jinħareġ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew ċertifikat ristrett tal-ajrunavigabbiltà lill-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "sistema tal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord" tfisser inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (30), tar-Regolament (UE) 2018/1139, u l-unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ tiegħu;
- (2) "unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ" tfisser it-tagħmir għall-kontroll mill-bogħod tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (32), tar-Regolament (UE) 2018/1139;
- (3) "persunal ċertifikanti" tfisser il-persunal responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni malli titlesta;
- (4) "komponent" tfisser magna, skrun jew parti mill-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord, jew xi element tal-unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ;

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/748/oj>).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/203 tas-27 ta' Ottubru 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà tal-informazzjoni b'impatt potenzjali fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni għall-organizzazzjonijiet koperti mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014, (UE) Nru 965/2012, (UE) Nru 1178/2011, (UE) 2015/340, mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 u (UE) 2021/664, u għall-awtoritajiet kompetenti koperti mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012, (UE) Nru 1321/2014, (UE) Nru 965/2012, (UE) Nru 1178/2011, (UE) 2015/340 u (UE) Nru 139/2014, mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 u (UE) 2021/664 u li jemenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011, (UE) Nru 748/2012, (UE) Nru 965/2012, (UE) Nru 139/2014, (UE) Nru 1321/2014, (UE) 2015/340, u r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 u (UE) 2021/664 (ĠU L 31, 2.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/203/oj).

⁽⁷⁾ <https://www.easa.europa.eu/en/document-library/opinions>

- (5) “kontinwità tal-ajrunavigabbiltà” tfisser il-proċessi kollha li jiżguraw li, f’kull ħin tul il-ħajja operattiva tiegħu, is-sistema tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord tikkonforma mar-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli u tkun f’kundizzjoni ta’ tħaddim sikur;
- (6) “manutenzjoni” tfisser waħda minn dawn li ġejjin jew kombinament tagħhom: eżami bir-reqqa, tiswija, spezzjoni, sostituzzjoni, modifika jew rettifika ta’ difett ta’ sistema jew komponent tal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord, ħlief l-ispezzjoni ta’ qabel titjira;
- (7) “organizzazzjoni” tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika jew parti minn persuna ġuridika, stabbilita f’aktar minn post wieħed, sew fit-territorju tal-Istati Membri u sew le;
- (8) “spezzjoni ta’ qabel titjira” tfisser l-ispezzjoni li ssir qabel it-titjira biex tiżgura li l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord ikun tajjeb għat-titjira maħsuba;
- (9) “post ewlieni tan-negozju” tfisser is-sede ewlenija jew l-uffiċju reġistrat tal-impriża li minnu jitwettqu l-funzjonijiet finanzjarji ewlenin u l-kontroll operattiv tal-attivitajiet imsemmija f’dan ir-Regolament;
- (10) “kompitu tal-manutenzjoni kritiku” tfisser kompitu tal-manutenzjoni li jinvolvi l-assemblaġġ jew xi disturb ta’ sistema jew ta’ xi komponent fuq sistema ta’ inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord, magna jew skrun li, jekk ifeġġ errur waqt l-eżekuzzjoni tiegħu, jista’ jipperikola b’mod dirett is-sikurezza tat-titjira;
- (11) “installazzjoni ta’ unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ” tfisser il-proċess biex jiġu integrati l-elementi ta’ unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ f’ambjent fiżiku eliġibbli għal dak il-għan skont sett ta’ struzzjonijiet tal-installazzjoni u tal-ittestjar, b’tali mod li l-unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ installata tkun tista’ tintuża biex jitħaddem inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord.

Artikolu 3

Rekwiżiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

1. Il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS imsemmija fl-Artikolu 1 u l-komponenti għall-installazzjoni fihom għandhom ikunu żgurati f’konformità mal-Anness I (il-Parti-ML.UAS) ta’ dan ir-Regolament.
2. B’deroga mill-paragrafu 1, il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS imsemmija fl-Artikolu 1, li għaliha jkun inħareġ permess għat-titjir, għandha tkun żgurata abbażi ta’ arranġamenti speċifiċi tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà kif definiti fil-kundizzjonijiet tat-titjir approvati fil-permess għat-titjir maħruġ f’konformità mas-Subparti P tal-Anness I (il-Parti21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012.

Artikolu 4

Approvazzjonijiet għall-organizzazzjonijiet involuti fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS

Organizzazzjoni li tkun involuta fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS imsemmija fl-Artikolu 1 u tal-komponenti għall-installazzjoni fihom, inkluż il-manutenzjoni tagħhom, għandha tikkonforma mal-Anness II (il-Parti-CAO.UAS) u tikseb iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni relatat mingħand l-awtorità kompetenti kif speċifikat fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1109 ⁽⁸⁾.

Artikolu 5

Persunal ċertifikanti

Il-persunal ċertifikanti għandu jiġi kkwalifikat f’konformità mal-Anness II (il-Parti-CAO.UAS).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1109 tal-10 ta’ April 2024 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-awtoritajiet kompetenti u tal-proċeduri amministrattivi għaċ-ċertifikazzjoni, għas-sorveljanza u għall-infurzar tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tas-sistemi tal-ajru ċċertifikati mingħajr bdot abbord, u li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2023/203 (ĠU L, 2024/1109, 17.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1109/oj).

*Artikolu 6***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2025.

Iżda l-punt CAO.UAS.102 tal-Anness II (il-Parti-CAO.UAS) għandu jibda japplika mit-22 ta' Frar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

(IL-PARTI-ML.UAS)

WERREJ

ML.UAS.1

SUBPARTI A — ĠENERALI

ML.UAS.101 Kamp ta' applikazzjoni

SUBPARTI B — RESPONSABBILTÀ

ML.UAS.201 Responsabbiltajiet

SUBPARTI C — KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ

ML.UAS.301 Kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

ML.UAS.302 Programm tal-manutenzjoni tal-UAS

ML.UAS.303 Direttivi tal-ajrunavigabbiltà ("ADs")

ML.UAS.304 Modifiki u tiswijiet

ML.UAS.305 Sistema tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS

ML.UAS.307 Trasferiment ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS

SUBPARTI D — STANDARDS TAL-MANUTENZJONI

ML.UAS.401 Data tal-manutenzjoni

ML.UAS.403 Difetti fil-UAS

SUBPARTI E — KOMPONENTI

ML.UAS.501 Installazzjoni tal-komponenti tal-UA

ML.UAS.502 Manutenzjoni tal-komponenti tal-UA

ML.UAS.504 Segregazzjoni tal-komponenti

ML.UAS.520 Installazzjoni u manutenzjoni tal-komponenti tas-CMU

SUBPARTI H — ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ ("CRS")

ML.UAS.801 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-UA

ML.UAS.802 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-komponenti tal-UA

ML.UAS.803 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-CMU

ML.UAS.804 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-komponenti tal-CMU

ML.UAS.805 Ċertifikazzjoni tal-installazzjoni tas-CMU

SUBPARTI I — ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ ("ARC")

ML.UAS.901 Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-UA — Ġenerali

ML.UAS.902 Validità tal-ARC tal-UA

ML.UAS.903 Proċess tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

ML.UAS.905 Trasferiment ta' reġistrazzjoni tal-UA fl-Unjoni

ML.UAS.906 A Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' UA importat fl-Unjoni

ML.UAS.906B Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà wara bidliet fl-operazzjonijiet ta' UAS

ML.UAS.907 Sejbiet

Appendiċi 1 — Kuntratt tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

Appendiċi 2 — Ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (il-Formola 15d tal-EASA)

Appendiċi 3 — Struzzjonijiet biex timtela l-Formola 1 tal-EASA

ML.UAS.1

- (a) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "awtorità kompetenti" għandha tfisser l-awtorità speċifikata fil-punt AR.UAS.GEN.010(a) tal-Anness I (il-Parti-AR.UAS) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1109.
- (b) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "sid il-UA" għandha tfisser wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (1) is-sid irreġistrat tal-UA, li jista' jkun l-operatur tal-UAS stess;
 - (2) l-operatur tal-UAS li jkun il-lokatarju tal-UA, diment li japplika l-punt ML.UAS.201(b).

SUBPARTI A**ĠENERALI****ML.UAS.101 Kamp ta' applikazzjoni**

Dan l-Anness jistabbilixxi l-miżuri li jridu jieħdu l-persuni u l-organizzazzjonijiet biex jiżguraw li l-UAS operata fil-kategorija "speċifika" kif definit fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, u li skontha jkun inħareġ jew ikun se jinħareġ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà lill-UA f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, tkun ajrunavigabbli. Jispeċifika wkoll il-kundizzjonijiet li jridu jissodisfaw il-persuni jew l-organizzazzjonijiet involuti fil-kompiti relatati mal-ajrunavigabbiltà ta' dik l-UAS.

SUBPARTI B**RESPONSABBILTÀ****ML.UAS.201 Responsabbiltajiet**

- (a) Sid il-UA għandu jkun responsabbli għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS u għandu jiżgura li ma ssir l-ebda titjira qabel jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:
 - (1) il-UAS tinżamm f'kundizzjoni ajrunavigabbli;
 - (2) kull tagħmir operazzjonali u ta' emerġenza mgħammar mal-UAS ikun ġie installat sew u jkun servizzibbli, jew jekk dak it-tagħmir ma jkunx servizzibbli, dan jiġi identifikat b'mod ċar bħala tali;
 - (3) iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tal-UA ikun validu.
- (b) B'deroga mill-punt (a), meta l-UA jkun mikri, ir-responsabbiltà stabbilita fil-punt (a) għandha tapplika għal-lokatarju, diment li l-lokatarju jiġi identifikat fid-dokument tar-reġistrazzjoni tal-UA jew dak it-trasferiment tar-responsabbiltà jiġi spjegat fid-dettall fil-kuntratt tal-lokazzjoni.
- (c) Kull persuna jew organizzazzjoni li twettaq manutenzjoni fuq il-UAS u l-komponenti tagħha għandha tkun responsabbli għall-kompiti tal-manutenzjoni mwettqa.
- (d) L-operatur tal-UAS għandu jkun responsabbli biex iwettaq l-ispezzjoni sodisfaċenti ta' qabel it-titjira. Il-persuna li twettaq dik l-ispezzjoni f'isem l-operatur tal-UAS għandha tkun kwalifikata għal dak il-għan. L-ispezzjoni ta' qabel it-titjira m'hemmx għalfejn twettaqha organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata jew il-persunal ċertifikanti.
- (e) Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a), sid il-UA għandu jiżgura li:
 - (1) il-kompiti assoċjati mal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS twettaqhom organizzazzjoni approvata f'konformità mal-Anness II (il-Parti-CAO.UAS) u li jkollha l-post prinċipali tan-negozju tagħha f'territorju li għalih japplikaw it-Trattati.

Jekk organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS tiġi kkuntrattata minn sid il-UA biex twettaq dawk il-kompiti, għandu jiġi stabbilit kuntratt bil-miktub f'konformità mal-Appendiċi 1. Dik l-organizzazzjoni kkuntrattata għandha tassumi r-responsabbiltà għat-twettiq xieraq ta' dawk il-kompiti;

- (2) sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fis-Subparti E, il-manutenzjoni tal-UAS u l-komponenti għall-installazzjoni fihom tagħmilha organizzazzjoni approvata f'konformità mal-Anness II (il-Parti-CAO.UAS) u li jkollha l-post prinċipali tan-negozju tagħha f'territorju li għalih japplikaw it-Trattati.
- (f) Biex jiġi ddeterminat jekk il-UAS hix konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, sid il-UA għandu jiżgura li jingħata l-aċċess għall-UAS u għar-rekords tal-UAS lil kull persuna awtorizzata mill-awtorità kompetenti.

SUBPARTI C

KONTINWITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ**ML.UAS.301 Kompiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà**

Il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS u s-servizzibbiltà tat-tagħmir operazzjonali u ta' emerġenza għandhom ikunu żgurati b'dan li ġej:

- (a) it-tweqqif ta' spezzjonijiet ta' qabel it-titjira tal-UA;
- (b) it-tweqqif ta' manutenzjoni mhux skedata u t-tiswija tad-difetti (inkluż il-ħsarat) f'konformità mad-data speċifikata fil-punti ML.UAS.401 u ML.UAS.304, kif applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-lista tat-tagħmir minimu ("MEL") u l-lista tad-devjazzjoni tal-konfigurazzjoni ("CDL"), meta jkunu jeżistu;
- (c) it-tweqqif tal-manutenzjoni kollha skedata f'konformità mal-programm tal-manutenzjoni tal-UAS imsemmi fil-punt ML.UAS.302;
- (d) il-konformità ma' kull waħda applikabbli minn dawn:
- (1) id-direttiva tal-ajrunavigabbiltà ("AD") maħruġa jew adottata mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea;
 - (2) ir-rekwiżiti operazzjonali b'impatt tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;
 - (3) ir-rekwiżiti tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà stabbiliti mill-Aġenzija;
 - (4) il-miżuri meħtieġa mill-awtorità kompetenti b'reazzjoni immedjata għal problema tas-sikurezza;
- (e) it-tweqqif ta' modifiki u tiswijiet f'konformità mal-punt ML.UAS.304;
- (f) titjiriet għal verifika u manutenzjoni ("MCFs"), meta jkunu meħtieġa;
- (g) id-disponibbiltà tad-dikjarazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ li tkun tirrifletti l-konfigurazzjoni attwali tal-UA, meta dik l-informazzjoni tiġi ġġenerata mill-manifattur tal-UA.

ML.UAS.302 Programm tal-manutenzjoni tal-UAS

- (a) Il-manutenzjoni skedata tal-UAS għandha tiġi organizzata f'konformità ma' programm tal-manutenzjoni tal-UAS.
- (b) Il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS, u kull emenda sussegwenti fih, għandha tapprovahom l-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS li tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS.
- (c) Il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS għandu jkun konformi ma':
- (1) l-informazzjoni obbligatorja dwar l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, bħall-ADs ripetittivi, it-taqsima dwar il-limitazzjoni tal-ajrunavigabbiltà ("ALS") tal-istruzzjonijiet tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ("ICAs"), u r-rekwiżiti speċifiċi tal-manutenzjoni li hemm fl-iskeda tad-data taċ-ċertifikat tat-tip ("TCDS");
 - (2) l-ICAs maħruġa mid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn (DAH);

- (d) Minkejja l-punt (c)(1), b'deroga mill-punt (c)(2), il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS jista' jiddevja mill-ICAs, abbażi ta' *data* miksba mir-reviżjonijiet imwettqa f'konformità mal-punt (f).
- (e) Il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS għandu jqis il-konfigurazzjoni tal-UAS, u t-tip u l-ispeċifità tal-operazzjonijiet.
- (f) Il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS għandu jiġi rivedut mill-anqas darba fis-sena biex tiġi vvalutata l-effettività tiegħu filwaqt li jitqiesu l-ICAs ġodda jew modifikati.

ML.UAS.303 Direttivi tal-ajrunavigabbiltà ("ADs")

Kull AD applikabbli trid tiġi applikata skont ir-rekwiżiti ta' dik l-AD sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Aġenzija.

ML.UAS.304 Modifiki u tiswijiet

- (a) Kull ħsara fil-UAS jew f'xi komponent għall-installazzjoni tagħha għandha tiġi vvalutata qabel tisewwa.
- (b) It-tweġġ ta' modifiki u tiswijiet fuq l-UAS jew il-komponenti tagħha għandu jara li daww il-modifiki u t-tiswijiet ikunu:
 - (1) approvati mill-Aġenzija; jew
 - (2) approvati minn organizzazzjoni tad-disinn li tikkonforma mal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012; jew
 - (3) inklużi mar-rekwiżiti tal-punt 21.A.90B jew tal-punt 21.A.431B tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

ML.UAS.305 Sistema tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS

- (a) Għal kull UAS, kif identifikat mit-tip u n-numru tas-serje tal-unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ ("CMU") u r-reġistrazzjoni tal-UA, għandha tiġi stabbilita sistema biex tirreġistra l-informazzjoni dwar l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS. Dik is-sistema għandha tintuża mill-bdot mill-bogħod u mill-persuni involuti fl-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS.
- (b) Is-sistema tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS għandu jkun fiha dawn li ġejjin:
 - (1) id-data tal-entrata u l-użu totali korrispondenti, fil-parametri rilevanti għall-UAS (eż. sigħat tat-titjir, ħin kalendarju jew ċikli);
 - (2) dettalji dwar il-manutenzjoni mwettqa fuq il-UAS, b'mod partikolari ċ-ċertifikati kollha tar-rilaxx għas-servizz li jeżiġu l-punti ML.UAS.801 jew ML.UAS.803;
 - (3) dettalji dwar l-installazzjoni tas-CMU, b'mod partikolari ċ-ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz ("CRS") li jeżiġi l-punt ML.UAS.805, meta dik l-installazzjoni tkun preskritta mid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn (DAH);
 - (4) evidenza li tikkonferma t-tweġġ sodisfaċenti tal-ispezzjoni ta' qabel it-titjira tal-UA;
 - (5) informazzjoni meqjusa meħtieġa biex tkun żgurata s-sikurezza kontinwa tat-titjiriet;
 - (6) id-dikjarazzjoni attwali dwar il-massa u l-bilanċ, meta dik l-informazzjoni tkun iġġenerata mill-manifattur tal-UA;
 - (7) kull *data* oħra meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-punt (g).
- (c) Fir-rigward tal-komponenti soġġetti għal limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà, apparti d-dokument tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA jew ekwivalenti), fis-sistema tar-rekords għandha tiddaħħal l-informazzjoni li ġejja:
 - (1) id-deżinjazzjoni u l-identifikazzjoni tal-komponent(i);
 - (2) it-tip, in-numru tas-serje u r-reġistrazzjoni, kif xieraq, tal-UA, tas-CMU jew tal-komponent li jiġi mġammar fihom il-komponent partikolari, flimkien mar-referenza għar-rekords tal-manutenzjoni rilevanti għall-installazzjoni u t-tneħħija tiegħu;

- (3) id-data tal-entrata u l-użu totali akkumulat tal-komponent korrispondenti, fil-parametri rilevanti għall-komponent partikolari;
- (d) Kull entrata għandha ssir minnufih malli jitlesta l-kompitu ħalli l-bdot mill-bogħod ikollu status aġġornat.
- (e) L-entrati kollha mdaħħla fir-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandhom ikunu ċari u preċiżi. Meta jinqala' l-bżonn li tiġi kkoreġuta xi entrata, il-korrezzjoni għandha ssir b'mod li turi b'mod ċar l-entrata oriġinali.
- (f) Is-sistema tar-rekords għandu jkun fiha rekords għall-UA, għas-CMU u, kif xieraq, għall-komponenti soġġetti għal limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà.
- (g) Is-sistema tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS għandha tkun tista' tipprovd:

 - (1) l-istatus attwali tal-ADs u l-miżuri awtorizzati mill-awtorità kompetenti f'reazzjoni immedjata għal problema tas-sikurezza;
 - (2) l-istatus attwali tal-modifiki u tat-tiswijiet;
 - (3) l-istatus attwali tal-konformità mal-programm tal-manutenzjoni tal-UAS;
 - (4) l-istatus attwali tal-komponenti soġġetti għal limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà;
 - (5) il-lista attwali tal-manutenzjoni differita.

- (h) Ir-rekords għandhom jinżammu għall-perjodi speċifikati hawn taħt:

 - (1) għar-rekords speċifikati fil-punti (b)(2) u (b)(3), sakemm l-informazzjoni inkluża fir-rekords tinbidel b'informazzjoni ġdida ekwivalenti fl-ambitu u fid-dettall iżda mhux anqas minn 36 xahar wara li l-manutenzjoni jew, kif applikabbli, l-installazzjoni tas-CMU, tkun ġiet rilaxxata;
 - (2) għar-rekords speċifikati fil-punti (b)(1), (b)(7) u fil-punt (c), għal mill-anqas 12-il xahar wara li l-UAS jew il-komponent ikun ġie rtirat b'mod permanenti mis-servizz;
 - (3) għar-rekords speċifikati fil-punti (b)(4) sa (b)(6), mhux anqas minn 36 xahar wara li l-entrata tiddaħħal fis-sistema tar-rekords;
 - (4) jekk ma jinbidlux, ir-rekords imsemmija fil-punt (h)(1) għandhom jinżammu għal 12-il xahar wara li l-UA jew is-CMU tkun ġiet irtirata b'mod permanenti mis-servizz.

ML.UAS.307 Trasferiment ta' rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS

- (a) Meta UA jiġi trasferit b'mod permanenti mingħand sid għall-ieħor, għandhom jiġu trasferiti wkoll ir-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà rilevanti msemmija fil-punt ML.UAS.305.
- (b) Meta sid il-UA jikkuntratta l-kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà lil organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS, sid il-UA għandu jiżgura li r-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt ML.UAS.305 jiġu trasferiti lil dik l-organizzazzjoni kuntrattata.
- (c) Il-perjodi għaż-żamma tar-rekords stabbiliti fil-punt ML.UAS.305(h) għandhom jibqgħu japplikaw għas-sid il-ġdid jew għall-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS il-ġdida.

SUBPARTI D

STANDARDS TAL-MANUTENZJONI

ML.UAS.401 Data tal-manutenzjoni

- (a) Il-manutenzjoni fuq l-UAS għandha teżiġi l-użu u l-aderenza mad-data tal-manutenzjoni attwali applikabbli.

- (b) Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "*data* tal-manutenzjoni applikabbli" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
- (1) kwalunkwe rekwiżit, proċedura, standard jew informazzjoni applikabbli maħruġa mill-awtorità kompetenti jew mill-Aġenzija;
 - (2) kwalunkwe AD applikabbli;
 - (3) l-ICAs applikabbli u struzzjonijiet oħra tal-manutenzjoni, maħruġa mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip, mid-detenturi taċ-ċertifikat tat-tip supplimentari u minn xi organizzazzjoni oħra li tippubblika dik id-*data* f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;
 - (4) għall-komponenti approvati għall-installazzjoni mid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn ("DAH"), l-istruzzjonijiet tal-manutenzjoni applikabbli ppubblikati mill-manifattur tal-komponenti u aċċettabbli għad-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn.

ML.UAS.403 Difetti fil-UAS

- (a) Kull difett fil-UAS li jipperikola b'mod serju is-sikurezza tat-titjira għandu jissewwa qabel issir titjira oħra.
- (b) Il-persuni li ġejjin jistgħu jiddeċiedu li difett ma jipperikolax b'mod serju s-sikurezza tat-titjir, u jistgħu jiddiferixxu t-tiswija tiegħu kif xieraq:
- (1) il-bdot mill-bogħod jew il-persunal ċertifikanti awtorizzat, fejn jidħlu d-difetti li jaffettwaw it-tagħmir mhux meħtieġ tal-UAS;
 - (2) il-bdot mill-bogħod jew il-persunal ċertifikanti awtorizzat meta juża l-MEL jew is-CDL, fejn jidħlu d-difetti li jaffettwaw it-tagħmir meħtieġ tal-UAS;
 - (3) il-persunal ċertifikanti awtorizzat, fejn jidħlu difetti oħrajn għajr daww imsemmija fil-punti (b)(1) u (b)(2).
- (c) Kull difett tal-UAS li ma jipperikolax b'mod serju s-sikurezza tat-titjira għandu jissewwa malli jkun prattikabbli, mid-data meta d-difett kien identifikat l-ewwel darba u sal-limiti speċifikati fid-*data* tal-manutenzjoni jew il-MEL.
- (d) Kull difett mhux imsewwi qabel titjira għandu jiġi rreġistrat fis-sistema tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS imsemmija fil-punt ML.UAS.305 u għandu jkun hemm rekord disponibbli għall-bdot mill-bogħod.

SUBPARTIE

KOMPONENTI

ML.UAS.501 Installazzjoni tal-komponenti tal-UA

- (a) Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness II (il-Parti-CAO.UAS) jew fil-punt 21.A.307 tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, komponent jista' jiġi mgħammar f'UA biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
- (1) ikun f'kundizzjoni sodisfaċenti;
 - (2) ikun ġie rilaxxat kif xieraq għas-servizz bil-Formola 1 tal-EASA kif stipulat fl-Appendiċi II tal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 jew ekwivalenti;
 - (3) ikun ġie mmarkat f'konformità mas-Subparti Q tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.
- (b) Qabel l-installazzjoni ta' komponent f'UA, l-organizzazzjoni tal-manutenzjoni għandha tiżgura li l-komponent partikolari jkun eliġibbli biex jiġi mgħammar filwaqt li jitqiesu l-konfigurazzjoni tal-UA u kull AD applikabbli.
- (c) Il-partijiet standard għandhom jiġu mgħammra f'UA jew f'komponent biss jekk id-*data* tal-manutenzjoni tkun tispeċifika daww il-partijiet standard partikolari, jekk magħhom tinhemeż evidenza tal-konformità mal-istandard applikabbli, u jekk ikollhom traċċabbiltà xierqa.

- (d) Materja prima jew konsumabbli għandha tintuża biss fuq UA jew komponent jekk:
- (1) il-manifattur tal-inġenji tal-ajru jew tal-komponenti jkun jippermetti l-użu ta' dik il- materja prima jew konsumabbli fid-*data* rilevanti tal-manutenzjoni;
 - (2) dik il-materja tkun tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa tal-materja u jkollha traċċabbiltà xierqa;
 - (3) ma' dik il-materja tinhemeż dokumentazzjoni relatata b'mod ċar ma' dawk il-materjali partikolari u li jkun fiha dikjarazzjoni tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet applikabbli, kif ukoll mas-sors tal-manifattura u tal-fornitur.

ML.UAS.502 **Manutenzjoni tal-komponenti tal-UA**

- (a) Il-manutenzjoni tal-komponenti tal-UA għandha tiġi ċċertifikata f'konformità mat-tabella li ġejja:

	Iċċertifikata bil-Formola 1 tal-EASA (<i>kif stabbilit fl-Appendiċi II tal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014</i>)	Iċċertifikata flimkien mal-manutenzjoni tal-UA f'konformità mal-punt ML.UAS.801 (<i>ma tistax tinħareġ Formola 1 tal-EASA</i>)
Komponenti miżmuma f'konformità mad-<i>data</i> tal-manutenzjoni tal-komponenti (<i>data</i> maħruġa mill-manifattur tal-komponenti)		
Manutenzjoni minflok tiġdid maġġuri	Għall-magni: Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati skont il-magna Għal komponenti oħra: organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati skont il-komponenti	Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tal-UA
Tiġdid maġġuri tal-komponenti għajr il-magni	Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati skont il-komponenti	Mhux possibbli
Tiġdid maġġuri tal-magni	Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati skont il-magna	Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tal-UA jekk previsti mid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn
Komponenti miżmuma f'konformità mad-<i>data</i> tal-manutenzjoni tal-UA (<i>data</i> maħruġa mill-manifattur tal-UA)		
Il-komponenti kollha u t-tipi kollha tal-manutenzjoni	Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni kklassifikati skont il-magni (għall-magni) jew ikklassifikati skont il-komponenti (għal komponenti oħrajn)	Organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni tal-UA

- (b) Il-komponenti msemmija fil-punti (b)(3) sa (b)(6) tal-punt 21.A.307 tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 tista' ssir ilhom il-manutenzjoni minn kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni. F'dak il-każ, b'deroga mill-punt (a), il-manutenzjoni ta' dawk il-komponenti għandha tiġi rilaxxata b'"dikjarazzjoni li twettqet il-manutenzjoni" maħruġa mill-persuna jew mill-organizzazzjoni li tkun għamlet il-manutenzjoni. Id-"dikjarazzjoni li twettqet il-manutenzjoni" għandu jkun fiha mqar id-dettalji bażiċi dwar il-manutenzjoni mwettqa, id-*data* meta tlestiet il-manutenzjoni, u l-identifikazzjoni tal-organizzazzjoni jew tal-persuna li toħroġha. Din għandha titqies bħala rekord tal-manutenzjoni u ekwivalenti għal Formola 1 tal-EASA fir-rigward tal-komponent li tkun saritlu l-manutenzjoni.

ML.UAS.504 **Segregazzjoni tal-komponenti**

- (a) Il-komponenti mhux servizzibbli u mhux salvabbli għandhom jiġu ssegregati mill-komponenti, mill-partijiet standard u mill-materjali li huma servizzibbli.
- (b) Komponent għandu jitqies mhux servizzibbli jekk tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
- (1) malli jilħaq il-limitazzjoni tal-komponent kif definita fil-programm tal-manutenzjoni tal-UAS;
 - (2) ikun hemm nonkonformità mal-ADS applikabbli u ma' rekwiżiti oħra tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà awtorizzati mill-Aġenzija;

- (3) ma jkunx hemm l-informazzjoni meħtieġa biex ikun magħruf l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-komponent jew l-eliġibbiltà tiegħu għall-installazzjoni;
 - (4) ikun hemm evidenza ta' difetti jew funzjonament ħażin fil-komponent;
 - (5) il-komponent ikun involut f'inċident jew f'aċċident li aktarx affettwa s-servizzibbiltà tiegħu.
- (c) Il-komponenti li laħqu l-limiti ċċertifikati tal-ħajja tagħhom jew li fihom difett jew funzjonament ħażin li ma jissewewwx għandhom jiġu kklassifikati li mhumiex salvabbli u ma għandhomx jitħallew jergħu jiddaħħlu fis-sistema tal-forniment tal-komponenti, sakemm il-limiti ċċertifikati tal-ħajja tagħhom ma kinux ġew estiżi jew ma tkunx ġiet approvata xi soluzzjoni tat-tiswija f'konformità mal-punt ML.UAS.304.

ML.UAS.520 Installazzjoni u manutenzjoni tal-komponenti tas-CMU

- (a) Il-komponenti għandhom jiġu installati fis-CMU biss jekk id-*data* tal-manutenzjoni tkun tispeċifika daww il-komponenti u jekk ikunu f'kundizzjoni sodisfaċenti.
- (b) Minkejja l-punt (a), il-komponenti kritiċi tas-CMU msemmija fil-punt 21.A.308(a) tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 għandhom jiġu installati fuq is-CMU biss jekk magħhom tinhemeż il-Formola 1 tal-EASA jew ekwivalenti, u jkunu mmarkati f'konformità mas-Subparti Q tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.
- (c) Minkejja l-punt (a), il-komponenti tas-CMU li ma jitqisux kritiċi għandhom jiġu installati fis-CMU biss jekk magħhom tinhemeż id-dikjarazzjoni speċifikata fil-punt 21.A.308(b) tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012, jew ekwivalenti.
- (d) Il-manutenzjoni tal-komponenti kritiċi tas-CMU għandha tagħmilha organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata f'konformità mal-Anness II (il-Parti-CAO.UAS) u għandha tiġi ċċertifikata fil-Formola 1 tal-EASA kif stabbilit fl-Appendiċi II tal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014.
- (e) Il-komponenti tas-CMU li ma jitqisux kritiċi jista' jsirilhom servizz minn kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni. Il-manutenzjoni ta' daww il-komponenti għandha tiġi rilaxxata b'"dikjarazzjoni li twettqet il-manutenzjoni" maħruġa mill-persuna jew mill-organizzazzjoni li tkun għamlet il-manutenzjoni. Id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha mqar dettalji bażiċi dwar il-manutenzjoni li tkun saret, id-*data* meta tlestiet il-manutenzjoni, u l-identifikazzjoni tal-organizzazzjoni jew tal-persuna li toħroġha. Din għandha titqies bħala rekord tal-manutenzjoni u ekwivalenti għad-dikjarazzjoni msemmija fil-punt 21.A.308(b) tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 għall-fini tal-installazzjoni.
- (f) B'deroga mill-punti (d) u (e), meta l-komponenti tas-CMU jkunu soġġetti għal manutenzjoni waqt li jkunu installati fis-CMU, jew meta jitneħħew temporanjament minnha, din il-manutenzjoni tista' tiġi ċċertifikata flimkien mal-manutenzjoni tas-CMU f'konformità mal-punt ML.UAS.803.

SUBPARTI H

ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ (CRS)

ML.UAS.801 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-UA

- (a) Meta titlesta, il-manutenzjoni mwettqa fuq UA għandha tiġi ċċertifikata fuq "ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz" ("CRS") minn persunal ċertifikanti. Is-CRS għandu joħorġu l-persunal ċertifikanti li jkun ivverifika li l-manutenzjoni kollha ordnata tkun saret kif suppost filwaqt li jitqiesu d-disponibbiltà u l-użu tad-*data* tal-manutenzjoni speċifikata fil-punt ML.UAS.401.
- (b) CRS għandu jkun fih imqar l-informazzjoni li ġejja:
 - (1) dettalji bażiċi dwar il-manutenzjoni tal-UA imwettqa;
 - (2) id-*data* taċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-UA;
 - (3) ir-referenza tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni u tal-persunal ċertifikanti li joħroġ is-CRS;
 - (4) il-limitazzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà jew l-operazzjonijiet, jekk ikun hemm.

- (c) B'deroga mill-punt (a), meta manutenzjoni ordnata ma tkunx tista' titlesta, is-CRS jista' jinħareġ fil-limitazzjonijiet approvati tal-UA. F'dak il-każ, is-CRS għandu jindika li l-manutenzjoni ma setgħetx titlesta u kull limitazzjoni applikabbli għall-ajrunavigabbiltà jew għall-operazzjonijiet, bħala parti mill-informazzjoni meħtieġa fil-punt (b)(4).
- (d) CRS ma għandux jinħareġ jekk ikun hemm xi nonkonformità magħrufa mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li tipperikola s-sikurezza tat-titjira.

ML.UAS.802 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-komponenti tal-UA

- (a) Meta titlesta, il-manutenzjoni mwettqa fuq komponent tal-UA għandha tiġi ċċertifikata minn persunal ċertifikanti, għajr fil-każijiet koperti mill-punt ML.UAS.502(b). Iċ-ċertifikazzjoni għandha tinħareġ meta dak il-persunal ċertifikanti jkun ivverifika li l-manutenzjoni kollha ordnata tkun saret kif suppost filwaqt li jitqiesu d-disponibbiltà u l-użu tad-data tal-manutenzjoni speċifikata fil-punt ML.UAS.401 u li l-komponent ikun f'kundizzjoni sodisfaċenti.
- (b) Dik iċ-ċertifikazzjoni għandha tiġi stabbilita fuq Formola 1 tal-EASA, għajr meta dik il-manutenzjoni tkun iċċertifikata flimkien mal-manutenzjoni tal-UA, kif indikat fil-punt ML.UAS.502(a).
- (c) Il-Formola 1 tal-EASA msemmija fil-punt (b) għandha timtela skont l-istruzzjonijiet tal-Appendiċi 3. Din tista' tiġi ġġenerata minn bażi tad-data tal-kompjuter.

ML.UAS.803 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-CMU

- (a) Meta titlesta, il-manutenzjoni mwettqa fuq is-CMU li tinvolvi xi komponent li jkun kritiku għall-operazzjoni tal-UAS kif iddeterminat mid-DAH, għandha tiġi ċċertifikata fuq CRS minn persunal ċertifikanti. Is-CRS għandu joħorġu l-persunal ċertifikanti li jkun ivverifika li l-manutenzjoni kollha ordnata tkun saret kif suppost filwaqt li jitqiesu d-disponibbiltà u l-użu tad-data tal-manutenzjoni speċifikata fil-punt ML.UAS.401.
- (b) CRS għandu jkun fih imqar l-informazzjoni li ġejja:
 - (1) dettalji bażiċi dwar il-manutenzjoni tal-CMU imwettqa;
 - (2) id-data taċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-CMU;
 - (3) ir-referenza tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni u tal-persunal ċertifikanti li joħroġ is-CRS;
 - (4) il-limitazzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà jew l-operazzjonijiet, jekk ikun hemm.
- (c) CRS ma għandux jinħareġ jekk ikun hemm xi nonkonformità magħrufa mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li tipperikola s-sikurezza tat-titjira.

ML.UAS.804 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-komponenti tal-CMU

- (a) Meta titlesta, il-manutenzjoni mwettqa fuq komponent tas-CMU f'konformità mal-punt ML.UAS.520(d) għandha tiġi ċċertifikata minn persunal ċertifikanti. Iċ-ċertifikazzjoni għandha tinħareġ meta dak il-persunal ċertifikanti jkun ivverifika li l-manutenzjoni kollha ordnata tkun saret kif suppost filwaqt li jitqiesu d-disponibbiltà u l-użu tad-data tal-manutenzjoni speċifikata fil-punt ML.UAS.401 u li l-komponent ikun f'kundizzjoni sodisfaċenti.
- (b) Dik iċ-ċertifikazzjoni għandha tiġi stabbilita fuq Formola 1 tal-EASA, għajr meta dik il-manutenzjoni tkun iċċertifikata flimkien mal-manutenzjoni tas-CMU, kif indikat fil-punt ML.UAS.520(f).
- (c) Il-Formola 1 tal-EASA msemmija fil-punt (b) għandha timtela skont l-istruzzjonijiet tal-Appendiċi 3. Din tista' tiġi ġġenerata minn bażi tad-data tal-kompjuter.

ML.UAS.805 Ċertifikazzjoni tal-installazzjoni tas-CMU

- (a) Jekk ikun preskritt mid-DAH, l-installazzjoni tas-CMU, meta titlesta, għandha tiġi ċċertifikata fuq "ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz" (CRS) minn persunal ċertifikanti. Is-CRS għandu jinħareġ meta dak il-persunal ċertifikanti jkun ivverifika li l-istruzzjonijiet attwali applikabbli għall-installazzjoni u l-ittestjar maħruġa mid-DAH ikunu ġew irrispettati kif xieraq, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-installazzjoni tal-komponenti tas-CMU stabbiliti fil-punt ML.UAS.520.

- (b) Is-CRS għandu jinkludi dan kollu li ġej:
 - (1) referenza għall-istruzzjonijiet tal-installazzjoni tas-CMU;
 - (2) id-data meta ġiet iċċertifikata l-installazzjoni tas-CMU;
 - (3) ir-referenza tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni u tal-persunal ċertifikanti li joħroġ is-CRS;
 - (4) il-limitazzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà jew l-operazzjonijiet, jekk ikun hemm.
- (c) CRS ma għandux jinħareġ jekk ikun hemm xi nonkonformità magħrufa mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness li tipperikola s-sikurezza tat-titjir.

SUBPART I

ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ ("ARC")**ML.UAS.901 Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-UA — Ġenerali**

Biex tkun żgurata l-validità ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ta' UA, l-UA għandu jsirli perjodikament reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-punt ML.UAS.903.

- (a) ARC jinħareġ f'konformità mal-Appendiċi 2 (il-Formola 15d tal-EASA) malli titlesta r-reviżjoni sodisfaċenti tal-ajrunavigabbiltà. L-ARC għandu jkun validu għal sena.
 - (b) Ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà għandha ssir u l-ARC għandu jinħareġ f'konformità mal-punt ML.UAS.903 minn:
 - (1) il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li jaġixxi fisem l-awtorità kompetenti; jew
 - (2) il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li jaġixxi fisem xi organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS approvata biex twettaq ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' dak il-UA.
 - (c) Il-validità ta' ARC tista' tiġi estiża sa darbtejn konsekuttivi, għal perjodu ta' sena kull darba, mill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS li timmaniġġa kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UA, soġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (1) il-UAAS kienet immexxija kontinwament minn organizzazzjoni waħda jew aktar tal-Parti-CAO.UAS sa mill-aħħar ħruġ jew estensjoni tal-ARC;
 - (2) il-UAAS saritilha manutenzjoni għat-12-il xahar preċedenti minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata tal-Parti-CAO.UAS;
 - (3) l-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS ma għandha l-ebda evidenza jew raġuni biex temmen li l-UAAS mhix ajrunavigabbli.
- L-estensjoni tal-ARC minn organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS tista' ssir irrispettivament minn liema persunal jew organizzazzjoni, kif previst fil-punt (b), kienu ħarġu l-ARC fil-bidu.
- (d) B'deroga mill-punt (c), l-estensjoni tal-ARC tista' tiġi antiċipata għal perjodu sa 30 jum, mingħajr ma tintilef il-kontinwità tax-xejra tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.
 - (e) Meta l-awtorità kompetenti twettaq ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u toħroġ l-ARC hi stess, is-sid tal-UA għandu, meta jintalab u skont il-ħtieġa, jipprovi lill-awtorità kompetenti:
 - (1) id-dokumentazzjoni meħtieġa mill-awtorità kompetenti;
 - (2) akkomodazzjoni xierqa għall-persunal tagħha fil-post xieraq;
 - (3) l-appoġġ lill-persunal ċertifikanti xieraq.

ML.UAS.902 Validità tal-ARC tal-UA

- (a) ARC għandu jsir invalidu jekk tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
 - (1) l-ARC jiġi sospiż jew revokat;

- (2) iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jkun invalidu;
 - (3) il-UA ma jkunx fir-reġistru tal-inġenji tal-ajru ta' xi Stat Membru;
 - (4) iċ-ċertifikat tat-tip li skontu jinħareġ iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jiġi sospiż jew revokat.
- (b) UA ma għandux itir jekk l-ARC ikun invalidu jew jekk tiġri xi waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:
- (1) il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UA, tas-CMU jew ta' xi komponent mgħammar fil-UAS ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Anness;
 - (2) il-UA ikun maħsub biex jitħaddem b'CMU li għaliha tkun ġiet identifikata nonkonformità fir-rigward tal-punt ML.UAS.903(b) u ma tkunx tneħħiet;
 - (3) il-UA jew is-CMU ma jkunx għadhom konformi mad-disinn tat-tip approvat mill-Aġenzija;
 - (4) il-UA jkun tħaddem iżjed mil-limiti tal-manwal tat-titjiriet approvati jew taċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, mingħajr ma tittieħed azzjoni xierqa;
 - (5) il-UA kien involut f'aċċident jew f'inċident li jaffettwa l-ajrunavigabbiltà tiegħu, mingħajr ma tittieħed azzjoni xierqa sussegwenti biex titreġġa' lura l-ajrunavigabbiltà tiegħu;
 - (6) xi modifika jew tiswija lill-UAS jew lil xi komponent mgħammar mal-UAS ma jkunux konformi mal-punt ML.UAS.304.

ML.UAS.903 Proċess tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

- (a) Ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' UA għandha tinkludi reviżjoni dokumentata tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UA u sħarriġ fiżiku tal-UA.
- (b) Ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà msemmija fil-punt (a) għandha tinkludi wkoll reviżjoni dokumentata tar-rekords u sħarriġ fiżiku tas-CMU(s) użati biex jitħaddem il-UA, sakemm dik is-CMU ma tkunx ġiet inkluża fir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' UA tal-istess tip fl-aħħar 6 xhur.
- (c) Permezz tar-reviżjoni dokumentata tal-UA u tar-rekords tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tas-CMU, għandu jkun żgurat li:
 - (1) id-data meħtieġa mill-punt ML.UAS.305(b)(1) tkun ġiet irreġistrata kif xieraq;
 - (2) il-manwal tat-titjir ikun applikabbli għall-konfigurazzjoni tal-UAS u jirrifletti l-aħħar status tar-reviżjoni;
 - (3) tkun saret il-manutenzjoni kollha dovuta fuq il-UAS skont il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS;
 - (4) id-difetti kollha magħrufa jkunu ssewwew jew ġew differiti f'konformità mal-punt ML.UAS.403;
 - (5) l-ADs applikabbli kollha jkunu ġew applikati u inklużi kif xieraq fir-rekords tal-UAS;
 - (6) il-modifiki u t-tiswijiet kollha magħmula lill-UAS ikunu ġew inklużi fir-rekords tal-UAS u jkunu konformi mal-punt ML.UAS.304;
 - (7) il-komponenti kollha soġġetti għal-limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà u installati fuq l-UAS ikunu ġew identifikati kif xieraq, iddaħħlu fir-rekords tal-UAS u ma jkunux qabżu l-limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà approvati tagħhom;
 - (8) malli il-UA jew is-CMU saret taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-manutenzjoni kollha tkun ġiet iċċertifikata f'konformità mal-Anness xieraq ta' dan ir-Regolament;
 - (9) id-dikjarazzjoni attwali dwar il-massa u l-bilanċ tkun tirrifletti l-konfigurazzjoni tal-UA u tkun valida;

- (10) il-UA u s-CMU ikunu konformi mar-reviżjoni applikabbli attwali tad-disinn tat-tip tagħhom approvat mill-Aġenzija;
 - (11) iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jkun validu, sakemm ma tkunx saret applikazzjoni għal ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ġdid skont il-punt ML.UAS.906 A jew ML.UAS.906B u iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jkun għadu ma nħariġx fil-mument tar-reviżjoni.
 - (12) iċ-ċertifikat tal-istorbju jkun jikkorrispondi għall-konfigurazzjoni tal-UA u jkun validu, jekk dak iċ-ċertifikat ikun inħareġ f'konformità mas-Subparti I tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.
- (d) Permezz tal-istħarriġ fiżiku tal-UA u tas-CMU, għandu jkun żgurat li:
- (1) il-marki u l-pjanċi kollha meħtieġa jkunu ġew installati sew;
 - (2) il-UAS tkun konformi mal-manwal approvat tat-titjir tagħha;
 - (3) il-konfigurazzjoni tal-UAS tkun konformi mad-dokumentazzjoni approvata;
 - (4) ma jkun hemm l-ebda difett evidenti li ma jkunx ġie indirizzat f'konformità mal-punt ML.UAS.403;
 - (5) ma jkun hemm l-ebda inkonsistenza bejn il-UAS u r-reviżjoni dokumentata tar-rekords kif imsemmi fil-punt (c).
- (e) Fir-rigward tal-istħarriġ fiżiku msemmi fil-punt (d), il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li ma jkunx awtorizzat kif xieraq bħala persunal ċertifikanti għandu jiġi assistit minn persunal ċertifikanti awtorizzat.
- (f) B'deroga mill-punt ML.UAS.901(a), ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tista' tiġi antiċipata għal perjodu sa 90 jum, mingħajr ma tintilef il-kontinwità tax-xejra tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.
- (g) L-ARC (il-Formola 15d tal-EASA) stabbilit fl-Appendiċi 2 għandu jgħorġu biss il-persunal awtorizzat kif xieraq tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, meta r-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tkun saret kollha kemm hi u jkunu twettqu l-azzjonijiet kollha biex titneħħa n-nonkonformità identifikata.
- (h) Kull ARC maħruġ jew estiż għal UA għandu jintbagħat ukoll lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-UA partikolari fi żmien 10 ijiem.
- (i) Il-kompiti tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ma għandhomx jiġu subkuntrattati.

ML.UAS.905 Trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-UA fl-Unjoni

- (a) Meta reġistrazzjoni tal-UA tiġi ttrasferita fl-Unjoni, l-applikant għandu:
- (1) qabelxejn jipprovdi lill-eks Stat Membru tar-reġistrazzjoni l-isem tal-Istat Membru fejn ikun se jiġi rreġistrazzjonat l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord;
 - (2) imbagħad japplika fl-Istat Membru l-ġdid għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ġdid f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.
- (b) Minkejja l-punt ML.UAS.902, il-punt (a)(3), l-ARC ta' qabel għandu jibqa' validu sad-data tal-iskadenza tiegħu.
- (c) Minkejja l-punt (b), għandha ssir reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà b'mod sodisfaċenti f'konformità mal-punt ML.UAS.903 jekk tiġri xi waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
- (1) l-inġenju tal-ajru ma kienx ajrunavigabbli fl-Istat Membru preċedenti;
 - (2) l-ARC preċedenti jkun invalidu jew skada.

ML.UAS.906 A Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' UA importat fl-Unjoni

- (a) Meta jimporta UA f'reġistru ta' Stat Membru minn pajjiż terz jew minn sistema regolatorja li ma tapplikax ir-Regolament (UE) 2018/1139, l-applikant għandu:
 - (1) japplika mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membri tar-reġistrazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat ġdid tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;
 - (2) għall-UA li mhumix għodda, għandha ssir reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà b'mod sodisfaċenti f'konformità mal-punt ML.UAS.903;
 - (3) issir il-manutenzjoni kollha biex tinkiseb konformità mal-programm tal-manutenzjoni tal-UAS approvat.
- (b) Jekk il-UA ikun konformi mar-rekwiżiti rilevanti, l-awtorità kompetenti jew l-organizzazzjoni li twettaq ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, kif previst fil-punt ML.UAS.901(b), għandha toħroġ ARC.
- (c) Sid il-UA għandu jiżgura li jingħata l-aċċess għall-UAS biex issir l-ispezzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.

ML.UAS.906B Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà wara bidliet fl-operazzjonijiet tal-UAS

- (a) Jekk il-bidliet fl-operazzjonijiet tal-UAS fil-kategorija "speċifika" jikkawżaw il-bżonn li jinħareġ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, sid il-UA għandu:
 - (1) japplika mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012;
 - (2) jara li ssir reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà b'mod sodisfaċenti f'konformità mal-punt ML.UAS.903;
 - (3) issir il-manutenzjoni kollha biex tinkiseb konformità mal-programm tal-manutenzjoni tal-UAS approvat.
- (b) Jekk il-UA ikun konformi mar-rekwiżiti rilevanti, l-awtorità kompetenti jew l-organizzazzjoni li twettaq ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, kif previst fil-punt ML.UAS.901(b), għandha toħroġ ARC.
- (c) Sid il-UA għandu jiżgura li jingħata l-aċċess għall-UAS biex issir l-ispezzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistru.

ML.UAS.907 Sejbiet

Wara li tirċievi n-notifika tas-sejbiet mingħand l-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt AR.UAS.GEN.351 tal-Anness I (il-Parti-AR.UAS) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1109, il-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS skont il-punt ML.UAS.201 għandha, fil-perjodu miftiehem mal-awtorità kompetenti, tiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiva (biex issolvi s-sejbiet u tevita li jergħu jiġru) u turi l-implimentazzjoni ta' dak il-pjan lill-awtorità kompetenti.

Appendiċi 1

Kuntratt tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

- (a) Meta sid il-UA jikkuntratta f'konformità mal-punt ML.UAS.201 lil organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS biex twettaq kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, il-kuntratt iffirmat miż-żewġ partijiet għandu jsir disponibbli, meta jintalab, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.
- (b) Il-kuntratt għandu jiġi żviluppat billi jitqiesu r-rekwiżiti ta' dan l-Anness u għandu jiddefinixxi l-obbligi tal-firmatarji fir-rigward tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS.
- (c) Dan għandu jinkludi mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:
 - (1) ir-reġistrazzjoni, it-tip u n-numru tas-serje tal-UA, u d-dettalji tas-CMU;
 - (2) isem is-sid jew isem il-lokatarju rreġistrat tal-UA jew dettalji tal-kumpanija, inkluż l-indirizz;
 - (3) dettalji dwar l-organizzazzjoni kuntrattata tal-Parti-CAO.UAS, inkluż l-indirizz tagħha;
 - (4) it-tip ta' operazzjoni.
- (d) Għandu jiddikjara dan li ġej:

"Sid il-UA jafda lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS bil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS, bl-iżvilupp u l-approvazzjoni tal-programm tal-manutenzjoni tal-UAS, u bl-organizzazzjoni tal-manutenzjoni tal-UAS f'konformità ma' dak il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS.

F'konformità ma' dan il-kuntratt, iż-żewġ firmatarji jimpenjaw ruħhom li jwettqu l-obbligi rispettivi stabbiliti f'dan il-kuntratt.

Sid il-UA jiddikjara li, sa fejn jaf hu, l-informazzjoni kollha mogħtija lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS dwar l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS hi u se tkun preċiża, u li l-UAS mhix se tisewwa jew tiġi modifikata mingħajr il-qbil bil-quddiem tal-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS.

F'każ ta' xi nonkonformità ma' dan il-kuntratt, minn xi wiehied mill-firmatarji, il-kuntratt jiġi kkanċellat. F'dak il-każ, sid il-UA se jżomm responsabbiltà sħiħa għal kull komputu marbut mal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS, u fi żmien ġimagħtejn, sid il-UA se jinforma lill-awtorità/awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni dwar il-kanċellazzjoni tal-kuntratt."

- (e) Meta sid il-UA jikkuntratta organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS f'konformità mal-punt ML.UAS.201, l-obbligi ta' kull parti għandhom jiġu stabbiliti kif ġej:

(1) L-obbligi tal-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS:

- (i) ikollha t-tip ta' UA u CMU inklużi fl-ambitu tal-ħidma tagħha;
- (ii) tirrispetta l-kundizzjonijiet kollha elenkati hawn taħt fir-rigward tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS:
 - (A) tiżviluppa u tapprova l-programm tal-manutenzjoni tal-UAS;
 - (B) ladarba jiġi approvat, tagħmel il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS disponibbli għal sid il-UA, flimkien mal-ġustifikazzjonijiet għal kull devjazzjoni f'konformità mal-punt ML.UAS.302(d);
 - (C) tistabbilixxi u tordna l-manutenzjoni meħtieġa biex tiżgura rabtiet xierqa mal-programm tal-manutenzjoni preċedenti tal-UAS;
 - (D) tara li l-manutenzjoni ssir kollha minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata;
 - (E) tara li jiġi applikat kull AD applikabbli;
 - (F) tara li d-difetti misjuba waqt il-manutenzjoni u r-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà jew rappurtati minn sid il-UA, tikkoreġihom kollha organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata;
 - (G) tikkordina l-manutenzjoni skedata, l-applikazzjoni tal-ADs, il-manutenzjoni tal-komponenti soġġetti għal limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà, u r-rekwiżiti tal-ispezzjoni tal-komponenti;

- (H) tinforma lil sid il-UA kull darba li l-UAS trid issir disponibbli għal organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata;
 - (I) tmexxi u tarkivja r-rekords kollha tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS;
 - (iii) torganizza l-approvazzjoni ta' kull modifika għall-UAS f'konformità mal-punt ML.UAS.304 qabel l-inkorporazzjoni ta' dik il-modifika partikolari;
 - (iv) torganizza l-approvazzjoni ta' kull tiswija fil-UAS f'konformità mal-punt ML.UAS.304 qabel ma ssir dik it-tiswija partikolari;
 - (v) tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta l-UAS ma ssirx disponibbli minn sidha biex ssir il-manutenzjoni mitluba mill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS mogħtija l-kuntratt;
 - (vi) tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt ma jgħix rispettat;
 - (vii) tiżgura li jsir ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-UA, meta meħtieġ, u tiżgura li jinħareġ l-ARC;
 - (viii) tipprovi kull ARC maħruġ jew estiż lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni fi żmien 10 ijiem;
 - (ix) twettaq ir-rapportar tal-okkorrenzi awtorizzat mir-regolamenti applikabbli;
 - (x) tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta dan il-kuntratt jiġi denunzjat minn xi parti.
- (2) **L-obbligi ta' sid il-UA:**
- (i) ikollu għarfien ġenerali dwar il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS;
 - (ii) ikollu għarfien ġenerali dwar dan l-Anness;
 - (iii) jagħmel l-UAS disponibbli għall-manutenzjoni kif mitlub mill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS kuntrattata;
 - (iv) ma jimmodifikax il-UAS mingħajr ma qabelxejn jikkonsulta lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS kuntrattata;
 - (v) jinforma lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS kuntrattata bil-manutenzjoni kollha mwettqa b'mod eċċezzjonali, mingħajr l-għarfien u l-kontroll tal-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS kuntrattata;
 - (vi) jpermezz tar-reġistri, irrapporta lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS kuntrattata dwar id-difetti kollha misjuba waqt l-operazzjonijiet;
 - (vii) jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni kull meta il-kuntratt jiġi denunzjat minn xi parti;
 - (viii) jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS kuntrattata kull meta l-UA jinbiegħ;
 - (ix) iwettaq ir-rapportar tal-okkorrenzi awtorizzat mir-regolamenti applikabbli;
 - (x) jinforma regolarment lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS kuntrattata dwar is-sigħat tat-titjir tal-UA u dwar kull *data* oħra tal-użu, kif maqbul mal-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS kuntrattata;
 - (xi) jinforma lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS dwar kull nonkonformità mar-rekwiżiti operazzjonali li tista' taffettwa l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS;
 - (xii) jinforma lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS dwar kull rekwiżit operazzjonali (eż. approvazzjonijiet speċifiċi) li jeħtieġ jiġi ssodisfat biex l-UAS tibqa' bil-konfigurazzjoni meħtieġa.

Appendiċi 2

Ċertifikat tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (il-Formola 15d tal-EASA)

ĊERTIFIKAT TAR-REVIŻJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ (ARC) (għall-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (UA) li jikkonformaw mal-Parti-ML.UAS)	
Referenza ARC:	
Skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, [ISEM L-AWTORITÀ KOMPETENTI]	
b'dan tiċċertifika li:	
☐	saret reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, f'konformità mal-Anness I (il-Parti-ML.UAS) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1107, tal-UA li ġej:
[jew]	
☐	I-UA l-ġdid li ġej:
Manifattur tal-UA:	Deżinjazzjoni tal-manifattur tal-UA:
Reġistrazzjoni tal-UA:	Numru tas-serje tal-UA:
(u dan l-inġenju tal-ajru) fil-mument tar-reviżjoni jitqies adegwat għat-titjir.	
Data tal-ħruġ:	Data tal-iskadenza:
Sigħat tat-titjir tal-UA (FHs) fid-data tar-reviżjoni:	
Lffirmat: Nru tal-Awtorizzazzjoni (jekk applikabbli):	
[JEW]	
[ISEM L-ORGANIZZAZZJONI APPROVATA, INDIRIZZ u REFERENZA TAL-APPROVAZZJONI] (*)	
b'dan tiċċertifika li saret reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà, f'konformità mal-Anness I (il-Parti-ML.UAS) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1107, tal-UA li ġej:	
Manifattur tal-UA:	Deżinjazzjoni tal-manifattur tal-UA:
Reġistrazzjoni tal-UA:	Numru tas-serje tal-UA:
u fil-mument tar-reviżjoni, dan l-inġenju tal-ajru jitqies adegwat għat-titjir.	
Data tal-ħruġ:	Data tal-iskadenza:
Sigħat tat-titjir tal-UA (FHs) fid-data tar-reviżjoni:	
Lffirmat: Nru tal-Awtorizzazzjoni (jekk applikabbli):	
=====	
L-ewwel estensjoni: L-UA jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-punt ML.UAS.901(c) tal-Anness I (il-Parti-M-L.UAS) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1107:	
Data tal-ħruġ:	Data tal-iskadenza:
Sigħat tat-titjir tal-UA (FHs) fid-data tal-ħruġ:	
Lffirmat: Nru tal-Awtorizzazzjoni:	
Isem l-organizzazzjoni approvata: Referenza tal-approvazzjoni:	

=====

It-tieni estensjoni: L-UA hu konformi mal-kundizzjonijiet tal-punt ML.UAS.901(c) tal-Anness I (il-Parti-M-L.UAS) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1107:

Data tal-ħruġ: Data tal-iskadenza:

Sigħat tat-titjir tal-UA (FHs) fid-data tal-ħruġ:

Iffirmat: Nru tal-Awtorizzazzjoni:

Isem l-organizzazzjoni approvata: Referenza tal-approvazzjoni:

(*)

L-emittent tal-formola jista' jfassalha skont il-ħtiġijiet tiegħu billi jħassar l-isem, id-dikjarazzjoni taċ-ċertifikazzjoni, ir-referenza għall-inġenju tal-ajru inkwistjoni u d-dettalji tal-ħruġ li mhumiex rilevanti għall-użu tiegħu.

II-Formola 15d tal-EASA — II-Ħarġa 1

Appendiċi 3

Struzzjonijiet għall-mili tal-Formola 1 tal-EASA

Dawn l-istruzzjonijiet huma relatati biss mal-użu tal-Formola 1 tal-EASA, kif speċifikat fl-Appendiċi II tal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, għall-finijiet tal-manutenzjoni tal-UAS.

Qed tinġibed l-attenzjoni għall-istruzzjonijiet speċifikati fl-Appendiċi II tal-Anness I (il-Parti-M) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 li jkopru l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għall-finijiet tal-manutenzjoni fl-avjazzjoni bl-ekwipaġġ, u l-istruzzjonijiet speċifikati fl-Appendiċi I tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 li jkopru l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għall-finijiet tal-produzzjoni.

1. SKOP U UŻU

- 1.1. L-iskop primarju ta' ċertifikat hu li jiddikjara l-ajrunavigabbiltà tax-xogħol tal-manutenzjoni mwettaq fuq il-komponenti tas-UAS ("l-oġġett(i)").
- 1.2. Trid tiġi stabbilita korrelazzjoni bejn iċ-ċertifikat u l-oġġett(i). L-oriġinatur irid iżomm iċ-ċertifikat b'format li jippermetti l-verifika tad-*data* oriġinali.
- 1.3. Iċ-ċertifikat hu aċċettabbli għal bosta awtoritajiet tal-ajrunavigabbiltà, iżda jista' jkun dipendenti fuq l-eżistenza ta' ftehimiet bilaterali u/jew il-politika ta' awtorità tan-navigabbiltà partikolari.
- 1.4. Iċ-ċertifikat mhux dokument ta' konsenja jew trasport.
- 1.5. Il-UAS ma għandhomx jiġu rilaxxati biċ-ċertifikat.
- 1.6. Iċ-ċertifikat ma jfissirx l-approvazzjoni għall-installazzjoni tal-oġġett(i), iżda jgħin lill-utent finali jagħraf l-istatus tal-approvazzjoni tal-ajrunavigabbiltà tagħhom.
- 1.7. Fuq l-istess ċertifikat ma jistax ikun hemm taħlita ta' oġġetti ddikjarati bħala rilaxxati għall-produzzjoni u oħrajn iddikjarati bħala rilaxxati għall-manutenzjoni.

2. FORMAT ĠENERALI

- 2.1. Iċ-ċertifikat irid ikun konformi mal-format definit, inkluż in-numri tal-kaxxi u l-pożizzjoni ta' kull kaxxa. Madankollu, id-daqs ta' kull kaxxa jista' jiġi aġġustat skont il-ħtieġa tal-applikazzjoni individwali, iżda mhux tant li iċ-ċertifikat ma jibqax jintgħaraf.
- 2.2. Iċ-ċertifikat irid ikun mimdud ("landscape"), iżda d-daqs ġenerali jista' jitkabbar jew jiċċekken għielu, diment li jibqa' jintgħaraf u leġġibbli. F'każ ta' dubju, tista' tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tiegħek.
- 2.3. Id-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-utent jew l-installatur tista' ssir fuq kwalunkwe naħa tal-formola.
- 2.4. L-istampar kollu jrid ikun ċar u leġġibbli biex ikun jista' jinqara faċilment.
- 2.5. Iċ-ċertifikat jista' jkun stampat minn qabel jew iġġenerat bil-kompjuter, iżda fi kwalunkwe każ, l-istampar tal-linji u tal-karattri għandu jkun ċar u leġġibbli u jikkonforma mal-format definit.
- 2.6. Iċ-ċertifikat għandu jkun bl-Ingliż u, jekk xieraq, b'lingwa oħra jew aktar.
- 2.7. Id-dettalji li jridu jitniżżlu fuq iċ-ċertifikat jistgħu jiġu stampati b'magna/bil-kompjuter jew miktubin bl-idejn, b'ittri kapitali u jridu jkunu b'mod li jinqraw faċilment.

- 2.8. Għal aktar ċarezza, l-abbrevjazzjonijiet għandhom jintużaw mill-anqas.
- 2.9. L-oriġinatur jista' juża l-vojt li jifdal fuq in-naħa ta' wara taċ-ċertifikat biex iżid xi informazzjoni addizzjonali, li iżda ma tista' tinkludi l-ebda dikjarazzjoni taċ-ċertifikazzjoni. Kull meta tintuża n-naħa ta' wara taċ-ċertifikat, għandha ssir referenza għal dan fil-kaxxa xierqa fuq in-naħa ta' quddiem taċ-ċertifikat.
3. ERRURI FIĊ-ĊERTIFIKAT
- 3.1. Jekk utent finali jsib xi errur(i) fiċ-ċertifikat, l-utent finali jrid jinforma lill-oriġinatur bil-miktub. L-oriġinatur jista' joħroġ ċertifikat ġdid biss jekk l-erruri jkunu jistgħu jiġu vverifikati u kkoreġuti.
- 3.2. Iċ-ċertifikat il-ġdid irid ikollu numru tat-traċċar, firma u data ġodda.
- 3.3. It-talba għal ċertifikat ġdid tista' tiġi onorata mingħajr ma terġa' ssir verifika tal-kundizzjoni tal-oġġett(i). Iċ-ċertifikat il-ġdid mhux dikjarazzjoni tal-kundizzjoni attwali u għandu jirreferi għaċ-ċertifikat preċedenti fil-Kaxxa 12, bid-dikjarazzjoni li ġejja: "Dan iċ-ċertifikat jikkoreġi l-errur(i) fil-Kaxxa/i [indika l-kaxxa/i kkoreġuti] taċ-ċertifikat [daħħal in-numru tat-traċċar oriġinali] datat [daħħal id-data tal-ħruġ oriġinali] u ma jkoprix il-konformità, jew il-kundizzjoni, jew ir-rilaxx għas-servizz."

Iż-żewġ ċertifikati għandhom jinżammu f'konformità mal-perjodu taż-żamma assoċjat mal-ewwel ċertifikat.

4. MILI TAĊ-ĊERTIFIKAT MILL-ORIĠINATUR

Kaxxa 1: Awtorità kompetenti/pajjiż tal-approvazzjoni

Indika l-isem u l-pajjiż tal-awtorità kompetenti li fil-ġurisdizzjoni tagħha jinħareġ dan iċ-ċertifikat. Jekk l-awtorità kompetenti hija l-Aġenzija, indika "EASA" biss.

Kaxxa 2: Intestatura tal-Formola 1 tal-EASA

"ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX AWTORIZZAT IL-FORMOLA 1 TAL-EASA"

Kaxxa 3: Numru ta' Referenza tal-Formola

Indika n-numru uniku stabbilit mis-sistema/proċedura tan-numerazzjoni tal-organizzazzjoni msemmija fil-Kaxxa 4; dan jista' jinkludi karattri alfanumeriċi.

Kaxxa 4: Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-organizzazzjoni approvata li tiċċertifika x-xogħol kopert minn dan iċ-ċertifikat. F'din il-kaxxa jistgħu jintużaw logos, eċċ., diment li d-daqs tagħhom ikun joqgħod fil-kaxxa.

Kaxxa 5: Ordni tax-Xogħol, Kuntratt, Fattura

Biex tiffaċilita t-traċċabbiltà tal-oġġett(i) mill-klijenti, indika n-numru tal-ordni tax-xogħol, in-numru tal-kuntratt, in-numru tal-fattura, jew numru ta' referenza simili.

Kaxxa 6: Partita

Meta jkun hemm aktar minn partita waħda tal-oġġetti, indika n-numru ta' kull partita. Din il-kaxxa tippermetti t-tqabbil faċli mal-Kummenti fil-Kaxxa 12.

Kaxxa 7: Deskrizzjoni

Indika l-isem jew id-deskrizzjoni tal-oġġett. Għandha tingħata preferenza lit-terminu użat fl-istruzzjonijiet tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ("ICAs") jew fid-data tal-manutenzjoni (eż. katalogu illustrat tal-partijiet, manwal tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, bulletin tas-servizz, manwal tal-manutenzjoni tal-partijiet).

Kaxxa 8: Numru tal-Parti

Indika n-numru tal-parti kif jidher fuq l-oġġett jew fuq it-tikketta/l-imballaġġ tiegħu. Fil-każ ta' magna jew skrun, tista' tintuża d-deżinjazzjoni tat-tip.

Kaxxa 9: Kwantità

Indika l-kwantità ta' oġġetti.

Kaxxa 10: Numru tas-Serje

Jekk ir-regolamenti applikabbli jeżiġu li l-oġġett għandu jiġi identifikat b'numru tas-serje, daħħlu hawnhekk. Jistgħu jiddaħħlu wkoll numri tas-serje oħra li mhumiex mitluba fir-regolamenti applikabbli. Jekk fuq l-oġġett ma jkun hemm ebda numru tas-serje, indika "N/A".

Kaxxa 11: Status/Xogħol

Dan li ġej jiddeskrivi l-entrati permissibbli fil-Kaxxa 11. Daħħal wieħed biss minn dawn it-termini; meta jista' jkun applikabbli aktar minn wieħed, uża dak li jiddeskrivi bl-aktar mod preċiż il-biċċa l-kbira tax-xogħol imwettaq u/jew l-istatus tal-oġġett.

(i)	Imġedded	Tfisser proċess li jiżgura li l-oġġett ikun konformi għalkollox mat-tolleranzi tas-servizz applikabbli kollha speċifikati fid-data tal-manutenzjoni. L-oġġett se jkun mill-anqas żarmat, imnaddaf, spezzjonat, imsewwi kif meħtieġ, armat mill-ġdid u ttestjat f'konformità mad-data speċifikata fuq.
(ii)	Imsewwi	Tiswija tad-difetti skont standard applikabbli (¹).
(iii)	Spezzjonat/Ittestjat	Eżami, kejl, eċċ. f'konformità ma' standard applikabbli (¹) (eż. spezzjoni viżiva, test funzjonali, test f'post fiss, eċċ.).
(iv)	Modifikat	Bidliet f'oġġett biex jikkonforma ma' standard applikabbli (¹).

(¹) "Standard applikabbli" tfisser standard, metodu, teknika jew Prattika tal-manifattura, jew tad-disinn, jew tal-manutenzjoni, jew tal-kwalità approvati minn jew aċċettabbli għall-awtorità kompetenti. L-istandard applikabbli għandu jiġi deskritt fil-Kaxxa 12.

Kaxxa 12: Rimarki:

Iddeskrivi direttament jew b'referenza għal dokumentazzjoni ta' sostenn, ix-xogħol identifikat fil-Kaxxa 11 li hu meħtieġ biex l-utent jew l-installatur jaġġraf l-istatus tal-ajrunavigabbiltà tal-oġġett(i) b'rabta max-xogħol li qed jiġi ċċertifikat. Jekk ikun meħtieġ, tista' tintuża folja separata u ssir referenza għaliha fil-Formola 1 ewlenija tal-EASA. Kull dikjarazzjoni trid tidentifika b'mod ċar għal liema oġġett(i) tal-Kaxxa 6 qed tirreferi.

Fost l-eżempji tal-informazzjoni li trid tiddaħħal fil-Kaxxa 12 hemm:

- (i) id-data tal-manutenzjoni użata, inkluż l-istatus tar-reviżjoni u r-referenza;
- (ii) il-konformità mad-direttivi tal-ajrunavigabbiltà (ADs) jew mal-bullettini tas-servizz (SBs);
- (iii) it-tiswijiet imwettqa;
- (iv) il-modifiki mwettqa;
- (v) il-partijiet ta' sostituzzjoni installati;
- (vi) l-istatus tal-partijiet b'limitu ta' ħajja;
- (vii) diskrepanzi fir-rigward tal-ordni tax-xogħol tal-klijent;
- (viii) dikjarazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni apparti dawk imsemmija fil-punt 145.A. 50 tal-Anness II (il-Parti-145) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014;
- (ix) l-informazzjoni meħtieġa biex tappoġġa l-konsenji bi skarsezzi jew ir-riassemblaġġi ta' wara l-konsenja.

Inkludi d-dikjarazzjoni tal-komponent CRS li ġejja:

- “Jiċċertifika li, sakemm mhux speċifikat mod ieħor f’din il-kaxxa, ix-xogħol identifikat fil-Kaxxa 11 u deskritt f’din il-kaxxa sar f’konformità mar-rekwiżiti tal-Anness II (il-Parti-CAO.UAS) tar-Regolament Delegat (UE) 2024/1107, u fir-rigward ta’ dak ix-xogħol, l-oġġett jitqies lest għar-rilaxx għas-servizz.”

Jekk tkun qed tiġi stampata d-*data* minn Formola 1 elettronika tal-EASA, kull sett tad-*data* li mhux valoidu għall-kaxxa l-oħra għandu jiddaħħal f’din il-kaxxa.

Kaxxa 13a-13e

Rekwiżiti ġenerali għall-Kaxxa 13a-13e: Mhux użat għar-rilaxx mill-manutenzjoni. Skura l-kaxxi jew l-ittri, jew immarkahom b’xi mod ieħor ħalli tevita li jintużaw bi żball jew b’mod mhux awtorizzat.

Kaxxa 14a

Immarka l-kaxxa “regolamenti oħra speċifikati fil-Kaxxa 12” u daħħal id-dikjarazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-Parti-CAO.UAS fil-Kaxxa 12. Jekk il-manutenzjoni tkun iċċertifikata wkoll mill-organizzazzjoni skont l-Anness II (il-Parti-145) tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014, immarka wkoll il-kaxxa “il-Parti-145.A.50 Rilaxx għas-Servizz”.

Jekk il-marka fil-kaxxa “regolamenti oħra” tinkludi regolamenti oħra għajr il-Parti-CAO.UAS u l-Parti-145, allura dawn ir-regolamenti jridu jiġu identifikati fil-Kaxxa 12. Trid tiġi mmarkata mill-anqas kaxxa waħda, jew jistgħu jiġu mmarkati t-tnejn li huma, kif xieraq.

Id-dikjarazzjoni taċ-ċertifikazzjoni “sakemm mhux speċifikat mod ieħor f’din il-kaxxa” hi maħsuba biex tindirizza l-każijiet li ġejjin:

- (a) meta l-manutenzjoni ma setgħetx titlesta;
- (b) meta t-tweġġ tal-manutenzjoni ddevja mir-rekwiżiti regolatorji rilevanti;
- (c) meta l-manutenzjoni tkun saret f’konformità ma’ rekwiżit għajr daww speċifikati fil-Parti-145 jew fil-Parti-CAO.UAS; f’dan il-każ, il-Kaxxa 12 għandha tispeċifika r-regolament partikolari.

Kaxxa 14b: Firma Awtorizzata

F’din il-kaxxa għandha tiżdied ukoll il-firma tal-persuna awtorizzata. F’din il-kaxxa jistgħu jiffirmaw biss daww il-persuni li jkunu awtorizzati speċifikament permezz tar-regoli u permezz tal-politiki tal-awtoritajiet kompetenti. Sabiex il-firma tintgħaraf aħjar, jista’ jitniżżel ukoll numru uniku li jidentifika lill-persuna awtorizzata.

Kaxxa 14c: Nru. ta’ Ref. taċ-Ċertifikat/tal-Approvazzjoni

Żid in-numru/i taċ-ċertifikat jew tal-approvazzjoni jew tar-referenza/i. Dawn in-numru/referenza toħroġhom l-awtorità kompetenti.

Kaxxa 14d: Isem

Żid isem il-firmatarju tal-Kaxxa 14b b’mod li jista’ jinqara.

Kaxxa 14e: Data

Żid id-data tal-firma tal-Kaxxa 14b; id-data jrid ikollha l-format: jj = jum b’żewġ ċifri, xxx = l-ewwel tliet ittri tax-xahar, ssss = is-sena b’erba’ ċifri

Responsabbiltajiet tal-Utent/tal-Installatur

Żid din id-dikjarazzjoni fiċ-ċertifikat biex tinnotifika lill-utenti finali li dawn mhumiex eżentati mir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-installazzjoni u tal-użu ta’ kull oġġett li tinhemeż il-formola miegħu:

“Dan iċ-ċertifikat ma jfissirx b’mod awtomatiku l-awtorità biex jiġu installati l-oġġetti.

Meta l-utent/installatur iwettaq xogħol f’konformità mar-regoli tal-awtorità tal-ajrunavigabbiltà li mhix l-awtorità tal-ajrunavigabbiltà speċifikata fil-Kaxxa 1, l-utent/l-installatur jeħtieġ jiżgura li l-awtorità tal-ajrunavigabbiltà tiegħu taċċetta oġġetti mingħand l-awtorità tal-ajrunavigabbiltà speċifikata fil-Kaxxa 1.

Id-dikjarazzjonijiet fil-Kaxxi 13a u 14a ma jfissrux ċertifikazzjoni tal-installazzjoni. Fil-każijiet kollha, ir-rekords tal-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru għandu jkollhom ċertifikat tal-installazzjoni maħruġ f'konformità mar-regolamenti nazzjonali mill-utent/installatur qabel ma l-inġenju tal-ajru jkun jista' jittajjar.”

ANNEX II

(IL-PARTI-CAO.UAS)

WERREJ

CAO.UAS.1	Ġenerali
CAO.UAS.010	Kamp ta' applikazzjoni
CAO.UAS.015	Applikazzjoni
CAO.UAS.017	Mezzi tal-konformità
CAO.UAS.020	Ambitu tax-xogħol u t-termini tal-approvazzjoni
CAO.UAS.025	Manwal tal-organizzazzjoni
CAO.UAS.030	Faċilitajiet u ħżin
CAO.UAS.035	Rekwiżiti tal-persunal
CAO.UAS.040	Persunal taċ-ċertifikazzjoni
CAO.UAS.045	Persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà
CAO.UAS.048	Persunal li joħroġ il-permessi għat-titjir
CAO.UAS.050	Komponenti, tagħmir u għodod
CAO.UAS.055	Data tal-manutenzjoni u ordnijiet tax-xogħol
CAO.UAS.060	Standards tal-manutenzjoni
CAO.UAS.065	Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-UA
CAO.UAS.070	Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-komponenti
CAO.UAS.071	Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-CMU
CAO.UAS.072	Ċertifikazzjoni tal-installazzjoni tas-CMU
CAO.UAS.075	Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà
CAO.UAS.080	Data dwar il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà
CAO.UAS.085	Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà
CAO.UAS.086	Permess għat-titjir
CAO.UAS.090	Żamma tar-rekords
CAO.UAS.095	Privileġġi tal-organizzazzjoni
CAO.UAS.100	Monitoraġġ tal-konformità u revizzjoni organizzazzjonali
CAO.UAS.102	Protezzjoni tas-sistemi u tad-data tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni
CAO.UAS.105	Bidliet fl-organizzazzjoni
CAO.UAS.110	Validità kontinwa ta' ċertifikat tal-approvazzjoni
CAO.UAS.112	Aċċess
CAO.UAS.115	Sejbiet u osservazzjonijiet
CAO.UAS.120	Rapportar tar-okkorrenzi

CAO.UAS.1 Ġenerali

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

- (a) "awtorità kompetenti" għandha tkun l-awtorità speċifikata fil-punt AR.UAS.GEN.010(b) of Annex I (il-Parti-AR.UAS) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1109;
- (b) "sid il-UA" għandha tfisser wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (1) is-sid irreġistrat tal-UA, li jista' jkun l-operatur tal-UAS stess; jew

- (2) l-operatur tal-UAS li jkun il-lokatarju tal-UA, diment li japplika l-punt ML.UAS.201(b) tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).

CAO.UAS.010 Kamp ta' applikazzjoni

Fir-rigward ta' UAS imħaddma fil-kategorija "speċifika", kif definit fl-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 u li skontha jkun inħareġ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà lill-UA f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/947, dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti li trid tissodisfa organizzazzjoni biex tikkwalifika għall-ħruġ jew għall-kontinwatazzjoni ta' ċertifikat tal-approvazzjoni għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jew għall-manutenzjoni tal-UAS u tal-komponenti, jew għal kombinament ta' dawn l-attivitajiet.

CAO.UAS.015 Applikazzjoni

L-organizzazzjoni għandha tapplika għand l-awtorità kompetenti biex tinħareġ jew tinbidel approvazzjoni tal-Parti-CAO.UAS, bil-mod u l-manjiera kif stabbilit minn dik l-awtorità.

CAO.UAS.017 Mezzi ta' konformità

- (a) Organizzazzjoni tista' tuża kull mezz alternattiv tal-konformità biex tistabbilixxi l-konformità ma' dan ir-Regolament.
- (b) Jekk organizzazzjoni tkun tixtieq tuża mezz alternattiv tal-konformità, din għandha tipprovdi deskrizzjoni sħiħa tiegħu lill-awtorità kompetenti qabel tużah. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kull reviżjoni tal-manwali jew tal-proċeduri li tista' tkun rilevanti, kif ukoll spjegazzjoni li tindika kif tinkiseb il-konformità ma' dan ir-Regolament.

L-organizzazzjoni tista' tuża dawk il-mezzi alternattivi tal-konformità soġġetti għal approvazzjoni bil-quddiem mingħand l-awtorità kompetenti.

CAO.UAS.020 Ambitu tax-xogħol u t-termini tal-approvazzjoni

- (a) Għal kull wieħed mill-privileġġi mitluba, l-organizzazzjoni għandha tispeċifika l-ambitu tax-xogħol fil-manwal tal-organizzazzjoni tagħha, kif previst fil-punt CAO.UAS.025. L-ambitu tax-xogħol għandu jkun deskrizzjoni preċiża tax-xogħol imwettaq mill-organizzazzjoni.
- (b) Għall-manutenzjoni tal-UA u tas-CMU, l-ambitu tax-xogħol għandu jinkludi:
- (1) it-tip jew il-manifattur tal-UA u tas-CMU;
 - (2) it-tip u l-firxa tax-xogħol tal-manutenzjoni, inkluż kompiti u metodi speċjalizzati, jekk ikun hemm.
- (c) Għall-installazzjoni tas-CMU, l-ambitu tax-xogħol għandu jinkludi t-tip jew il-manifattur tas-CMU.
- (d) Għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, l-ambitu tax-xogħol għandu jinkludi:
- (1) it-tip jew il-manifattur tal-UA u tas-CMU;
 - (2) l-identifikazzjoni tal-UA u tas-CMU ġestita;
 - (3) l-ispeċifikazzjoni ta' liema UA jintuża ma' liema CMU.
- (e) Għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u l-permess għat-titjir, l-ambitu tax-xogħol għandu jinkludi t-tip jew il-manifattur tal-UA.
- (f) Għall-manutenzjoni tal-komponenti għajr il-magni sħaħ, l-ambitu tax-xogħol għandu jiġi stabbilit f'konformità mal-klassifikazzjoni li ġejja:
- (1) C1: kundizzjonament u pressurizzazzjoni tal-arja tal-UA;
 - (2) C2: awtotitjir tal-UA;
 - (3) C3: komunikazzjonijiet u navigazzjoni tal-UA;
 - (4) C4: bibien u fetħiet tal-UA;
 - (5) C5: enerġija elettrika u dwal tal-UA;
 - (6) C6: tagħmir tal-UA;
 - (7) C7: magna tal-UA;
 - (8) C8: kontrolli tat-titjir tal-UA;

- (9) C9: sistemi tal-fjuwil tal-UA;
 - (10) C10: rotors tal-UA;
 - (11) C11: trażmissjoni tal-UA;
 - (12) C12: enerġija idrawlika tal-UA;
 - (13) C13: sistema tal-indikazzjoni u tar-reġistrazzjoni tal-UA;
 - (14) C14: tagħmir għall-inżul tal-UA;
 - (15) C15: ossiġnu tal-UA;
 - (16) C16: skrejjen tal-UA;
 - (17) C17: sistemi pnevmatiċi u tal-vakwu tal-UA;
 - (18) C18: protezzjoni tal-UA mis-silġ/xita/nirien;
 - (19) C19: twieqi tal-UA;
 - (20) C20: UA strutturali;
 - (21) C21: ballast tal-ilma tal-UA;
 - (22) C22: żieda fil-propulsjoni tal-UA;
 - (23) C23: komponenti oħra tal-UA;
 - (24) C24: komponenti tas-CMU.
- (g) Għall-manutenzjoni tal-magni sħaħ, l-ambitu tax-xogħol għandu jinkludi t-tip jew il-manifattur tal-magni.
- (h) Għall-privileġġ tal-ittestjar mhux distruttiv ("NDT"), meta jkun jifforma parti mill-klassi "servizzi speċjalizzati", l-ambitu tax-xogħol għandu jinkludi l-metodi NDT.
- (i) L-organizzazzjoni għandha tikkonforma mat-termini tal-approvazzjoni meħmuża maċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti, u mal-ambitu tax-xogħol speċifikat fil-manwal tal-organizzazzjoni.

CAO.UAS.025 Manwal tal-organizzazzjoni

- (a) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm manwal li jispeċifika l-informazzjoni u l-proċeduri meħtieġa għall-persunal tagħha biex jaqdi dmiru u biex l-organizzazzjoni turi l-konformità tagħha ma' dan ir-Regolament.
- (b) Il-manwal għandu jinkludi, direttament jew b'referenza, l-informazzjoni li ġejja:
- (1) dikjarazzjoni ffirmata mill-meniġer responsabbli li tikkonferma li l-organizzazzjoni f'kull ħin se taħdem f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness u l-manwal tal-organizzazzjoni;
 - (2) l-ambitu ddettaljat tal-ħidma tal-organizzazzjoni għal kull privileġġ;
 - (3) organigramma li tidentifika t-titoli u l-ismijiet tal-persuni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-punt CAO.UAS.035, u li turi l-linji tar-responsabbiltà bejn dawn il-persuni;
 - (4) deskrizzjoni ġenerali u l-post tal-faċilitajiet;
 - (5) il-proċedura tal-emenda tal-manwal, kif speċifikat fil-punt CAO.UAS.105(b),
u meta l-organizzazzjoni jkun beħsiebha twettaq l-attivitajiet imsemmija fil-punti li ġejjin:
 - (6) l-ambitu u l-proċeduri tax-xogħol imwettaq f'post ieħor li mhux il-faċilitajiet approvati;
 - (7) lista tal-persunal ċertifikanti bl-ambitu tal-awtorizzazzjoni tiegħu;
 - (8) lista tal-persunal responsabbli għall-approvazzjoni tal-programm tal-manutenzjoni tal-UAS;
 - (9) lista tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u l-ambitu tal-awtorizzazzjoni tagħhom;
 - (10) lista tal-persunal responsabbli għall-ħruġ tal-permessi għat-titjir;
 - (11) l-ambitu u l-proċeduri tal-manutenzjoni fuq l-UA mwettqa u ċertifikata mill-bogħod mis-CMU.

- (c) Il-ħarġa inizjali tal-manwal għandha tapprovaha l-awtorità kompetenti.
- (d) L-emendi tal-manwal għandhom jitwettqu f'konformità mal-punt CAO.UAS.105.

CAO.UAS.030 Faċilitajiet u ħżin

- (a) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-faċilitajiet li jridu jintużaw, inkluż l-akkomodazzjoni tal-uffiċċju, jippermettulha twettaq il-ħidma ppjanata kollha.
- (b) Barra minn hekk, meta l-ambitu tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni jkun jinkludi attivitajiet tal-manutenzjoni, l-organizzazzjoni għandha tiżgura li:
 - (1) l-imħażen, il-hangers u bays speċjalizzati jipprovdu protezzjoni xierqa minn kontaminazzjoni u kundizzjonijiet ambjentali;
 - (2) jingħataw faċilitajiet tal-ħżin siguri għall-komponenti, it-tagħmir, l-għodod u l-materjali, filwaqt li tkun żgurata s-segregazzjoni tal-komponenti kif jeżiġi l-punt ML.UAS.504(a).
 - (3) Ikun hemm konformità mal-istruzzjonijiet rilevanti tal-ħżin tal-komponenti, u l-aċċess għall-faċilitajiet tal-ħżin ikun ristrett biss għall-persunal awtorizzat.

CAO.UAS.035 Rekwiżiti tal-persunal

- (a) L-organizzazzjoni għandha taħtar menijer responsabbli li jkollu l-awtorità li jiżgura li l-attivitajiet kollha tal-organizzazzjoni jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati u mwettqa f'konformità ma' dan ir-Regolament.
- (b) Il-menijer responsabbli għandu jinnomina persuna jew grupp ta' persuni bir-responsabbiltà li jiżguraw li l-attivitajiet tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jitwettqu f'konformità mal-manwal tal-organizzazzjoni.
- (c) Il-menijer responsabbli għandu jinnomina menijer għall-monitoraġġ tal-konformità bir-responsabbiltà li jimmaniġġa l-funzjoni tal-monitoraġġ tal-konformità msemmija fil-punt CAO.UAS.100.
- (d) Il-persuni nominati f'konformità mal-punti (b) u (c) għandu jkollhom responsabbiltà quddiem il-menijer responsabbli u aċċess dirett għalih. Għandu jkollhom l-għarfien, l-isfond u l-esperjenza xierqa biex jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom.
- (e) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-persunal kollu involut fl-attivitajiet tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà jkollu l-għarfien, l-isfond u l-esperjenza xierqa, u jibqa' kompetenti għax-xogħol maħsub biex jitwettaq.
- (f) L-organizzazzjoni għandu jkollha persunal biżżejjed u kkwalifikat kif xieraq biex tkun tista' twettaq ix-xogħol ippjanat.
- (g) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi taħriġ inizjali għall-persunal tal-manutenzjoni tagħha biex tiżgura li dan iwettaq il-manutenzjoni maħsuba b'mod sikur.
- (h) Il-persunal li jwettaq il-kompiti speċjalizzati bħal iwweldjar, jew spezzjonijiet b'test mhux distruttiv ("NDT"), għajr l-ispezzjonijiet tal-kuntrast tal-kuluri, għandu jkun ikkwalifikat f'konformità ma' standard rikonoxxut uffiċjalment.

CAO.UAS.040 Persunal ċertifikanti

- (a) Biex tiċċertifika l-manutenzjoni fil-UA, fis-CMU u fil-komponenti, jew biex tiċċertifika l-installazzjoni tas-CMU, l-organizzazzjoni għandha tawtorizza lill-persunal ċertifikanti rilevanti għal dak il-għan.
- (b) Il-persunal ċertifikanti maħsub biex jiċċertifika l-manutenzjoni fil-UA u fis-CMU, jew biex jiċċertifika l-installazzjoni tas-CMU, għandu jirċievi taħriġ inizjali rilevanti għall-UA u s-CMU partikolari li jrid jiġi ddikjarat fl-awtorizzazzjoni. L-organizzazzjoni għandha tiżgura li dan ikollu mqar esperjenza ta' 3 xhur fil-manutenzjoni Prattika tal-inġenji tal-ajru jew ta' CMU simili, jew esperjenza ta' 6 xhur fil-manutenzjoni Prattika tal-inġenji tal-ajru jew tal-CMUs imħaddma, qabel ma jirċievi l-awtorizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tiegħu.
- (c) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-persunal ċertifikanti jirċievi perjodikament taħriġ rikorrenti biżżejjed u adegwat biex tiżgura li jkollu għarfien aġġornat tat-teknoloġiji rilevanti, tal-proċeduri tal-organizzazzjoni, u ta' kwistjonijiet ta' fatturi umani.

CAO.UAS.045 Persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

- (a) Biex twettaq ir-reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà, l-organizzazzjoni għandha tawtorizza lill-persunal rilevanti tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:
 - (1) ikollu mqar sena esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;
 - (2) ikun awtorizzat bħala persunal ċertifikanti jew ikollu mqar sentejn esperjenza fil-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, apparti l-esperjenza msemmija fil-punt (1);
 - (3) ikun irċieva taħriġ xieraq dwar il-manutenzjoni ajrunawtika.
- (b) Qabel ma l-organizzazzjoni toħroġ awtorizzazzjoni tal-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà lil xi persuna, dik il-persuna għandha twettaq reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà bis-superviżjoni tal-awtorità kompetenti jew bis-superviżjoni ta' persuna li tkun diġà awtorizzata mill-organizzazzjoni bħala persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà. Jekk din ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà mwettaq bis-superviżjoni tkun sodisfaċenti, dik il-persuna għandha tiġi awtorizzata mill-meniġer tal-monitoraġġ tal-konformità bħala persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

CAO.UAS.048 Persunal li joħroġ il-permessi għat-titjir

Il-permessi għat-titjir għandu joħroġhom il-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà awtorizzat mill-organizzazzjoni speċifikament għal dak il-għan.

CAO.UAS.050 Komponenti, tagħmir u għodod

- (a) L-organizzazzjoni għandu jkollha tagħmir u għodod meħtieġa, jew għandu jkollha aċċess għalihom, biex taqdi r-responsabbiltajiet tagħha.
- (b) L-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-għodod u t-tagħmir li tuża jkunu kkontrollati u kkalibrati skont standard rikonoxxu uffiċjalment. Għandha żżomm rekords ta' dawn il-kalibrazzjonijiet u tal-istandards użati.
- (c) Fir-rigward tal-manutenzjoni, l-organizzazzjoni għandha tispezzjona, tikklassifika u tissegrega kif xieraq il-komponenti li jaslu kollha, riċevuti f'konformità mal-punti ML.UAS.501 u ML.UAS.504 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS), kif applikabbli.

CAO.UAS.055 Data tal-manutenzjoni u ordnijiet tax-xogħol

- (a) L-organizzazzjoni għandu jkollha aċċess u tuża d-data tal-manutenzjoni attwali applikabbli speċifikata fil-punt ML.UAS.401(b) tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS) li tkun meħtieġa biex twettaq il-manutenzjoni.
- (b) Qabel ma tibda l-manutenzjoni, għandu jintlaħaq qbil bil-miktub dwar ordni tax-xogħol bejn l-organizzazzjoni, u l-persuna jew l-organizzazzjoni li titlob il-manutenzjoni, biex jistabbilixxi l-manutenzjoni li trid issir.

CAO.UAS.060 Standards tal-manutenzjoni

- (a) Il-manutenzjoni kollha għandha ssir f'konformità mar-rekwiżiti tas-Subpartijiet D, E u H tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).
- (b) Meta tagħmel il-manutenzjoni, l-organizzazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:
 - (1) tiżgura li ż-żona fejn issir il-manutenzjoni tkun organizzata sew u nadifa (ħielsa mill-ħmieġ u mill-kontaminanti);
 - (2) tuża l-metodi, it-tekniki, l-istandards u l-istruzzjonijiet speċifikati fid-data tal-manutenzjoni u fl-ordnijiet tax-xogħol imsemmija fil-punt CAO.UAS.055;
 - (3) tuża l-għodod, it-tagħmir u l-materjali speċifikati fil-punt CAO.UAS.050;
 - (4) tiżgura li l-manutenzjoni ssir f'konformità mal-limitazzjonijiet ambjentali speċifikati fid-data tal-manutenzjoni msemmija fil-punt CAO.UAS.055;
 - (5) tiżgura li jintużaw il-faċilitajiet xierqa jekk it-temp ma jkunx favorevoli jew f'każ ta' manutenzjoni twila;
 - (6) tiżgura li jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' erruri waqt il-manutenzjoni, b'mod partikolari r-riskju ta' erruri ripetuti f'kompiti tal-manutenzjoni identiċi;
 - (7) tiżgura li jitħaddem metodu li jaqbad l-erruri wara t-twettiq ta' xi kompitu kritiku tal-manutenzjoni;

- (8) twettaq verifika ġenerali, wara li tlesti l-manutenzjoni, biex tiżgura li l-UA, is-CMU jew il-komponent ma għandu l-ebda għodda, tagħmir u xi parti u materjal estranei, u li l-pannelli kollha tal-aċċess imneħħija jkunu twaħħlu mill-ġdid.

CAO.UAS.065 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-UA

Malli tlesti l-manutenzjoni fil-UA f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-organizzazzjoni għandha tiċċertifika dik il-manutenzjoni f'konformità mal-punt ML.UAS.801 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).

CAO.UAS.070 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-komponenti

- (a) Malli tlesti l-manutenzjoni fil-komponenti tal-UA f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-organizzazzjoni għandha tiċċertifika dik il-manutenzjoni f'konformità mal-punt ML.UAS.802 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).
- (b) Malli tlesti l-manutenzjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament, fil-komponenti tas-CMU imsemmija fil-punt ML.UAS.520(d) tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS), l-organizzazzjoni għandha tiċċertifika dik il-manutenzjoni f'konformità mal-punt ML.UAS.804 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).
- (c) Il-punti (a) u (b) ma japplikawx għall-komponenti manifatturati f'konformità mal-punt CAO.UAS.095(a)(5).

CAO.UAS.071 Ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni tal-CMU

Malli tlesti l-manutenzjoni fis-CMU f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-organizzazzjoni għandha tiċċertifika dik il-manutenzjoni f'konformità mal-punt ML.UAS.803 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).

CAO.UAS.072 Ċertifikazzjoni tal-installazzjoni tas-CMU

Malli tlesti l-installazzjoni tas-CMU f'konformità ma' dan ir-Regolament, jekk jiġi preskritt hekk mid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn, l-organizzazzjoni għandha tiċċertifika dik l-installazzjoni f'konformità mal-punt ML.UAS.805 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).

CAO.UAS.075 Ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

- (a) Il-kompiti kollha tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà għandhom isiru f'konformità mar-rekwiżiti tas-Subparti C tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).
- (b) Għal kull UAS ġestita, l-organizzazzjoni għandha:
- (1) tiżviluppa u tikkontrolla l-programm tal-manutenzjoni tal-UAS, u tapprova l-ħruġ inizjali tiegħu u l-emendi tiegħu; id-devjazzjonijiet skont il-punt ML.UAS.302(d) għandhom isiru f'konformità ma' proċedura approvata mill-awtorità kompetenti, u l-ġustifikazzjonijiet tagħhom jiġu rreġistrati mill-organizzazzjoni;
 - (2) tagħmel dak il-programm tal-manutenzjoni tal-UAS disponibbli għal sid il-UA;
 - (3) tiżgura li l-modifiki u t-tiswijiet ikunu konformi mal-punt ML.UAS.304 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS);
 - (4) tiżgura li l-manutenzjoni kollha tkun iċċertifikata f'konformità mas-Subparti H tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS);
 - (5) tiżgura li jiġu implimentati l-ADs applikabbli kollha u d-direttivi operazzjonali kollha b'impatt fuq il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;
 - (6) tiżgura li d-difetti kollha ssewwi hom organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif xieraq;
 - (7) tiżgura li l-UAS issir disponibbli għall-manutenzjoni għal organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif xieraq, f'konformità mal-programm tal-manutenzjoni tal-UAS u kull meta jkun meħtieġ;
 - (8) tikkordina l-manutenzjoni skedata u l-applikazzjoni tal-ADs biex tiżgura li x-xogħol isir sew;
 - (9) timmaniġġa u tarkivja r-rekords kollha tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà;

- (10) tiżgura li d-dikjarazzjoni dwar il-massa u l-bilanċ tkun tirrifletti l-konfigurazzjoni attwali tal-UA, meta dik l-informazzjoni tingħata mill-manifattur tal-UA.

CAO.UAS.080 Data tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

- (a) L-organizzazzjoni għandu jkollha aċċess u tuża d-*data* attwali applikabbli tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà li tkun meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.
- (b) Dik id-*data* hi speċifikata fil-punt ML.UAS.401(b) tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).

CAO.UAS.085 Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

L-organizzazzjoni għandha twettaq kull reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-punt ML.UAS.903 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).

CAO.UAS.086 Permess għat-titjir

L-organizzazzjoni għandha toħroġ kull permess għat-titjir f'konformità mal-punt 21.A.711(d) tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 meta tkun tista' tagħti prova tal-konformità mal-kundizzjonijiet tat-titjir approvati f'konformità ma' proċedura speċifikata fil-manwal tal-organizzazzjoni.

CAO.UAS.090 Żamma tar-rekords

- (a) L-organizzazzjoni għandha żżomm ir-rekords li ġejjin kif applikabbli għall-privileġġi li jkollha:

- (1) Rekords tal-manutenzjoni

Iċ-ċertifikati tar-rilaxx għas-servizz ("CRS") flimkien mad-dokumenti ta' sostenn kollha meħtieġa biex turi li r-rekwiżiti kollha tal-manutenzjoni ġew issodisfati; l-organizzazzjoni għandha ttipprovdi wkoll is-CRS lill-persuna jew lill-organizzazzjoni li titlob il-manutenzjoni, flimkien ma' kull rekord, bħad-*data* speċifika tat-tiswija jew il-modifika, meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità mal-punt ML.UAS.305 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).

- (2) Rekords tal-installazzjoni tas-CMU

Is-CRS flimkien mad-dokumenti ta' sostenn kollha meħtieġa biex turi li r-rekwiżiti kollha tal-installazzjoni ġew issodisfati; l-organizzazzjoni għandha ttipprovdi wkoll is-CRS lill-persuna jew lill-organizzazzjoni li titlob l-installazzjoni, flimkien ma' kull *data* speċifika tal-installazzjoni.

- (3) Rekords tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

Ir-rekords meħtieġa mill-punt ML.UAS.305 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).

- (4) Rekords tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

L-ARCs maħruġa jew estiżi, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn kollha. Dawn ir-rekords għandhom jingħataw ukoll lill-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS, jekk tkun differenti mill-organizzazzjoni li toħroġ l-ARC.

- (5) Rekords tal-permessi għat-titjir

Il-permess għat-titjir maħruġ u kull dokument ta' sostenn għall-ħruġ ta' dak il-permess għat-titjir, inkluż il-kundizzjonijiet tat-titjir.

- (b) L-organizzazzjoni għandha żżomm rekords u awtorizzazzjonijiet tal-persunal li huma meħtieġa biex turi l-kwalifiki tal-persunal tagħha. Għandha żżomm ir-rekords rilevanti għall-persunal ċertifikanti, għall-persunal tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà u għall-persunal li joħroġ il-permessi għat-titjir għal perjodu ta' mill-anqas sentejn wara li dak il-persunal iħalli l-organizzazzjoni, jew wara li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni maħruġa lil dak il-persunal.

- (c) L-organizzazzjoni għandha, meta tintalab mill-persunal, tagħtih aċċess għar-rekords tal-persunal tagħha kif speċifikat fil-punt (b), u tidduplika u ttipprovdi dawn ir-rekords lilu meta jħalli l-organizzazzjoni.

(d) L-organizzazzjoni għandha żżomm ir-rekords:

- (1) imsemmija fil-punt (a)(1), u kull *data* tal-manutenzjoni assoċjata, għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-*data* tar-rilaxx tal-manutenzjoni tal-UA, tas-CMU jew tal-komponent;
- (2) imsemmija fil-punt (a)(2), għall-organizzazzjoni li tinstalla s-CMU, jekk tkun differenti mill-organizzazzjoni li timmaniġġa l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS, għal perjodu ta' 3 snin wara ċ-ċertifikazzjoni tal-installazzjoni tas-CMU;
- (3) imsemmija fil-punt (a)(3) għall-perjodu speċifikat fil-punt ML.UAS.305 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS);
- (4) imsemmija fil-punt (a)(4):
 - għall-organizzazzjoni li timmaniġġa l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS, għal perjodu ta' sentejn wara l-irtirar permanenti tal-UA mis-servizz;
 - għall-organizzazzjoni li toħroġ l-ARC, jekk differenti mill-organizzazzjoni li timmaniġġa l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS, għal perjodu ta' 4 snin wara l-ħruġ tal-ARC;
- (5) imsemmija fil-punt (a)(5):
 - għall-organizzazzjoni li timmaniġġa l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS, għal perjodu ta' sentejn wara l-irtirar permanenti tal-UA mis-servizz;
 - għall-organizzazzjoni li toħroġ il-permess għat-titjir, jekk tkun differenti mill-organizzazzjoni li timmaniġġa l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-UAS, għal perjodu ta' 3 snin wara l-ħruġ tal-permess għat-titjir.

(e) Ir-rekords tal-monitoraġġ tal-konformità għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' sentejn.

(f) Ir-rekords kollha għandhom jinħażnu b'mod li jiżgura li jitħarsu mill-*ħsara*, mit-tibdil u mis-serq.

(g) Meta l-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' UAS tiġi trasferita lil organizzazzjoni jew persuna oħra, ir-rekords kollha miżmuma skont il-punti (a)(2) sa (a)(5) għandhom jiġu trasferiti lil dik l-organizzazzjoni jew il-persuna. Jekk it-trasferiment isir lil organizzazzjoni oħra tal-Parti-CAO.UAS, il-punt (d) għandu japplika għal dik l-organizzazzjoni mill-mument tat-trasferiment.

(h) Meta l-organizzazzjoni ttemm l-operazzjonijiet tagħha, ir-rekords miżmuma kollha għandhom jiġu trasferiti kif ġej:

- (1) ir-rekords imsemmija fil-punt (a)(1) għandhom jiġu trasferiti lill-aħħar sid jew kljent tal-UAS jew tal-komponent rispettiv, jew għandhom jinħażnu kif speċifikat mill-awtorità kompetenti;
- (2) ir-rekords imsemmija fil-punt (a)(2) sa (a)(5) għandhom jiġu trasferiti lil sid il-UA.

CAO.UAS.095 Privileġġi tal-organizzazzjoni

F'konformità mal-manwal tal-organizzazzjoni, l-organizzazzjoni għandha tingħata waħda jew aktar mill-privileġġi li ġejjin:

(a) Il-manutenzjoni

- (1) Twettaq manutenzjoni tal-UA, tas-CMU jew tal-komponenti speċifikati fl-ambitu tax-xogħol u fil-postijiet speċifikati fil-manwal tal-organizzazzjoni.
- (2) Tagħmel arranġamenti għat-twettiq ta' servizzi speċjalizzati minn organizzazzjoni subkuntrattata kwalifikata kif xieraq fil-kontroll tal-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS, f'konformità mal-proċeduri xierqa speċifikati fil-manwal tal-organizzazzjoni.
- (3) Skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-proċedura msemmija fil-punt CAO.UAS.025(b)(6), twettaq manutenzjoni tal-UA, tas-CMU jew tal-komponenti speċifikati fl-ambitu tax-xogħol f'post mhux elenkat fil-manwal tal-organizzazzjoni.
- (4) Tiċċertifika l-manutenzjoni f'konformità mal-punti CAO.UAS.065, CAO.UAS.070 jew CAO.UAS.071.
- (5) L-organizzazzjoni tista' timmanifattura, f'konformità mad-*data* tal-manutenzjoni, firxa ristretta ta' partijiet biex tużahom waqt il-ħidma tal-manutenzjoni li tkun għaddejja fil-faċilitajiet tagħha stess, kif indikat fil-manwal tal-organizzazzjoni.

(b) L-installazzjoni tas-CMU

Organizzazzjoni approvata għall-manutenzjoni tas-CMU tista' twettaq l-installazzjoni ta' CMU u tiċċertifika dik l-installazzjoni f'konformità mal-punt CAO.UAS.072.

(c) Il-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà

- (1) Tmexxi l-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' kwalunkwe UAS speċifikata fl-ambitu tax-xogħol.
- (2) Tapprova l-programm tal-manutenzjoni tal-UAS f'konformità mal-punt ML.UAS.302(b) tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).
- (3) Tagħmel arranġamenti biex jitwettqu l-kompiti limitati tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà minn organizzazzjoni subkuntrattata soġġetta għall-funzjoni tal-monitoraġġ tal-konformità tal-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS, kif elenkat fiċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni.
- (4) Testendi l-validità ta' ARC f'konformità mal-punt ML.UAS.901(c) tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS).

(d) Ir-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà

Organizzazzjoni li l-approvazzjoni tagħha tinkludi l-privileġġi msemmija fil-punt (a) jew (c), tista' tiġi approvata biex twettaq reviżjonijiet tal-ajrunavigabbiltà f'konformità mal-punt CAO.UAS.085 u tohrōg l-ARC relatat.

(e) Il-permess għat-titjir

Organizzazzjoni li l-approvazzjoni tagħha tinkludi l-privileġġ imsemmi fil-punt (d), tista' tiġi approvata biex tohrōg permess għat-titjir f'konformità mal-punt CAO.UAS.086 għal dawk il-UA li għalihom jista' jinħareġ ARC.

CAO.UAS.100 Monitoraġġ tal-konformità u reviżjoni organizzazzjonali

- (a) Biex tiżgura li l-organizzazzjoni tissodisfa kontinwatament ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi funzjoni tal-monitoraġġ tal-konformità.
- (b) Dik il-funzjoni għandha timmonitorja b'mod indipendenti:
 - (1) il-konformità tal-manwal tal-organizzazzjoni ma' dan ir-Regolament;
 - (2) il-konformità tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni mal-manwal tal-organizzazzjoni.
- (c) Il-funzjoni għandha timmonitorja wkoll il-konformità tal-manutenzjoni kuntrattata mal-kuntratt jew mal-ordnijiet tax-xogħol.
- (d) Jekk l-organizzazzjoni jkollha ċertifikat tal-organizzazzjoni addizzjonali wieħed jew aktar fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139, il-funzjoni tal-monitoraġġ tal-konformità tista' tiġi integrata f'dik meħtieġa skont iċ-ċertifikat(i) addizzjonali miżmum(a).
- (e) L-organizzazzjoni tista' tibdel il-funzjoni tal-monitoraġġ tal-konformità b'reviżjonijiet organizzazzjonali regolari li ma jeħtiġux indipendenza, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin u soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti:
 - (1) il-persunal tal-organizzazzjoni ma jaqbixx l-10 ekwivalenti għal full-time involuti fil-manutenzjoni;
 - (2) il-persunal tal-organizzazzjoni ma jaqbixx il-5 ekwivalenti għal full-time involuti fil-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà.

F'dak il-każ, l-organizzazzjoni ma għandhiex tissubkuntratta kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà lil partijiet oħra.

CAO.UAS.102 Protezzjoni tas-sistemi u tad-data tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

- (a) L-organizzazzjoni għandha tipproteġi s-sistemi u d-data tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni użati għall-attivitajiet tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, inkluż is-software u l-hardware rilevanti, u l-konnessjonijiet tan-network.
- (b) Mingħajr preġudizzju għall-punt CAO.UAS.120, l-organizzazzjoni għandha tiżgura li kull inċident jew vulnerabbiltà għas-sigurtà tal-informazzjoni, li jistgħu joħlqu riskju sinifikanti għas-sikurezza tal-avjazzjoni, jiġu rrapportati lill-awtorità kompetenti tagħhom.

Barra minn hekk:

- (1) meta dawk l-inċident jew il-vulnerabbiltà jkunu jaffettwaw lil inġenju tal-ajru jew lil sistema jew komponent assoċjat, l-organizzazzjoni għandha tirrapportahom ukoll lid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn;

- (2) meta dawk l-inċident jew il-vulnerabbiltà jkunu jaffettwaw lil sistema jew kostitwent użat mill-organizzazzjoni, l-organizzazzjoni għandha tirrapportahom lill-organizzazzjoni responsabbli għad-disinn tas-sistema jew tal-kostitwent.
- (c) Ir-rapportar imsemmi fil-punt (b) għandu jsir minnufih, iżda sa 72 siegħa minn meta l-organizzazzjoni tkun saret taf bil-kundizzjoni, sakemm ċirkostanzi eċċezzjonali ma jipprevjenux dan.

CAO.UAS.105 Bidliet fl-organizzazzjoni

- (a) Il-bidliet li ġejjin fl-organizzazzjoni għandhom jeżiġu l-approvazzjoni bil-quddiem tal-awtorità kompetenti:
 - (1) bidliet fiċ-ċertifikat, inkluż it-termini tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni;
 - (2) bidliet tal-persuni msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-punt CAO.UAS.035;
 - (3) bidliet fil-proċedura speċifikata fil-punt (b).
- (b) Kull bidla oħra għandha tmexxiha l-organizzazzjoni u tiġi notifikata lill-awtorità kompetenti f'konformità ma' proċedura speċifikata fil-manwal tal-organizzazzjoni. L-organizzazzjoni għandha tissottometti deskrizzjoni tal-bidliet u l-emendi korrispondenti tal-manwal tal-organizzazzjoni lill-awtorità kompetenti fi żmien 15-il jum minn meta jsiru l-bidliet.

CAO.UAS.110 Validità kontinwata ta' ċertifikat tal-approvazzjoni

Ċertifikat tal-approvazzjoni għandu jinħareġ għal perjodu bla limitu, u għandu jibqa' validu soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) l-organizzazzjoni tibqa' konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Anness, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti tal-punt CAO.UAS.115 relatati mal-indirizzar tas-sejbiet;
- (b) l-organizzazzjoni żgurat li jingħata aċċess lill-awtorità kompetenti kif speċifikat fil-punt CAO.UAS.112;
- (c) iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni ma jkunx ġie ċedut mill-organizzazzjoni jew ġie sospiż jew revokat mill-awtorità kompetenti.

CAO.UAS.112 Aċċess

Għall-fini tal-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti rilevanti ta' dan l-Anness, l-organizzazzjoni għandha tiżgura li l-aċċess għal kull faċilità, UAS, dokument, rekord, *data*, proċedura jew għal kull materjal ieħor rilevanti għall-attivitjiet tagħha soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni jingħata lil kwalunkwe persuna awtorizzata mill-awtorità kompetenti.

CAO.UAS.115 Konstatazzjonijiet u osservazzjonijiet

- (a) Wara li tirċievi notifika ta' sejba mingħand l-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt AR.UAS.GEN.350 tal-Anness I (il-Parti-AR.UAS) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1109, l-organizzazzjoni għandha, fil-perjodu miftiehem mal-awtorità kompetenti, tiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiva (biex issolvi s-sejbiet u tevita li jergħu jiġru) u turi l-implimentazzjoni ta' dak il-pjan lill-awtorità kompetenti.
- (b) L-osservazzjonijiet li jaslu f'konformità mal-punt AR.UAS.GEN.350(f) tal-Anness I (il-Parti-AR.UAS) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1109 għandhom jingħataw kunsiderazzjoni xierqa mill-organizzazzjoni. L-organizzazzjoni għandha tirreġistra d-deċiżjonijiet li tkun ħadet fir-rigward ta' dawk l-osservazzjonijiet.

CAO.UAS.120 Rapportar tal-okkorrenzi

- (a) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm sistema tar-rapportar tal-okkorrenzi, inkluż rapportar obligatorju u volontarju. L-organizzazzjonijiet li għandhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fi Stat Membru għandhom jiżguraw li s-sistema tar-rapportar tal-okkorrenzi tagħhom tkun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u tar-Regolament (UE) 2018/1139, kif ukoll mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi ta' dawk ir-Regolamenti.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rapportar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/376/oj>).

- (b) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, l-organizzazzjoni għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti tagħha u lid-detentur tal-approvazzjoni tad-disinn tal-UAS jew tal-komponent, kull avveniment jew kundizzjoni relatati mas-sikurezza ta' UAS jew ta' komponent identifikati mill-organizzazzjoni li jipperikola jew, jekk ma jiġix ikkoreġut jew indirizzat, li jista' jipperikola UAS jew lil xi persuna oħra, u b'mod partikolari kwalunkwe aċċident jew inċident serju.
 - (c) Meta l-organizzazzjoni tiġi kuntrattata għall-manutenzjoni, l-organizzazzjoni għandha tirrapporta wkoll kull avveniment jew kundizzjoni bħal dawn li jaffettwaw UAS, lill-organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' dak l-UAS f'konformità mal-punt ML.UAS.201 tal-Anness I (il-Parti-ML.UAS). Għall-avvenimenti jew il-kundizzjonijiet li jaffettwaw il-komponenti, l-organizzazzjoni għandha tirrapportahom lill-persuna jew lill-organizzazzjoni li tkun talbet il-manutenzjoni.
 - (d) Meta l-organizzazzjoni tiġi kuntrattata biex twettaq kompiti tal-ġestjoni tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà, din għandha tirrapporta wkoll kull avveniment jew kundizzjoni bħal dawn li jaffettwaw UAS, lis-sid li jkun ikkuntratta lill-organizzazzjoni tal-Parti-CAO.UAS.
-